# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

Att Akkuza Nru 37/09

**Il-Pulizija**
**(Spett Ian Joseph Abdilla u Spett Joseph Cordina)**

**kontra**

**Noel Xuereb**

**u**

**Pierre Mercieca**

Illum, 1 ta’ April 2019

## 1. AKKUZI

Rat illi fl-24 ta’ Jannar 2007 gew presentati taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja

**Noel Xuereb** ta' 42 sena, bin Emanuel u Jane nee' Xuereb, imwieled Pieta fl-1 ta' Awissu 1964, residenti fl-indirizz: 1, Triq ta' Giorni, San Giljan. Detentur tal-Karta ta' l-Identita Numru 422664M u

**Pierre Mercieca** ta' 47 sena, bin Francis u Vivienne nee' Zammit Farrugia, imwieled tas-Sliema fl- 4 ta' Lulju 1959, residenti fl-indirizz: 10, Triq il-Pjazzetta, Attard. Detentur tal-Karta ta' l-Identita Numru 433259M

Fejn il-prosekuzzjoni akkuzaw lill **Noel Xuereb wahdu** talli:

1. Fl-14 ta' Jannar 2007 u fix-xhur ta' qabel, f’dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti, li izda jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda: fil-kapacita’ tieghu ta' ufficcjal pubbliku, bid-deher jew bil-mohbi jew bil-mezz ta' persuna ohra, ha interess privat f’aggudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni, sewwa jekk kellu ghal kollox jew f’parti t-trigija jew sorveljanza taghhom, kif ukoll jekk kellu din it-trigija jew sorveljanza fiz-zmien li l-aggudikazzjoni, l-appalt, jew l-amministrazzjoni nbdew. B'dan kollu, saret hsara b'qerq lill-amministrazzjoni illi maghha l-affari kellha x'taqsam.

2. Fl-istess cirkostanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficcjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern, jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi dati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu, jew seraqhom.

3. Fl-istess cirkustanzi, minhabba l-istat, professjoni jew kariga tieghu, wara sar depozitarju ta' sigriet li gie fdat lilu, kixef dan is-sigriet.

4. Fl-istess cirkustanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficcjal pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva, jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd.

5. Fl-istess cirkustanzi, fil-kapacita' tieghu ta' impjegat jew funzjonarju pubbliku jew kuntrattat mill-Gvern kixef minghajr awtorità legittima xi informazzjoni, dokument jew oggett iehor li kien ghandu minhabba fl-kariga tieghu.

Fejn il-prosekuzzjoni akkuzaw lill **Pierre Mercieca wahdu** nakkuzawh talli:

6. Fl-istess cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti, li izda jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda: ikkorrompa lil Noel Xuereb ufficcjal jew impjegat pubbliku.

7. Fl-istess cirkustanzi irrenda ruhu komplici ma' Noel Xuereb f'illi, fil-kapacita tieghu ta' ufficcjal pubbliku, bid-deher jew bil-mohbi jew bil-mezz ta' persuna ohra, ha interess privat f'aggudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni sewwa jekk kellu ghal kollox jew f'parti t-trigija jew sorveljanza taghhom, kif ukoll jekk kellu din it-trigija jew sorveljanza fiz-zmien li l-aggudikazzjoni, l-appalt, jew l-amministrazzjoni nbdew. B'dan kollu, saret hsara b'qerq lill-amministrazzjoni illi maghha l-affari kellha x'taqsam.

8. Fl-istess cirkustanzi irrenda ruhu komplici ma' Noel Xuereb filli, fil-kapacita tieghu ta' ufficcjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern, jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu, jew seraqhom.

9. Fl-istess cirkustanzi irrenda ruhu komplici ma' Noel Xuereb filli, minhabba l-istat, professjoni jew kariga tieghu, wara sar depozitarju ta' sigriet li gie fdat lilu, kixef dan is-sigriet

10. Fl-istess cirkustanzi irrenda ruhu komplici ma' Noel Xuereb filli, fil-kapacita tieghu ta' ufficcjal pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva, jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd.

11. Fl-istess cirkustanzi irrenda ruhu komplici ma' Noel Xuereb f'illi, fil-kapacita' tieghu ta' impjegat jew funzjonarju pubbliku jew kuntratt mill-Gvern kixef minghajr awtorità legittima xi informazzjoni, dokument jew oggett iehor li kien ghandu minhabba fil-kariga tieghu.

12. Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna ilill akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom xjaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijet ta' Malta.

## 2. PROVI IMRESSQA

1. Rat l-atti tal-kumpilazzjoni mibdija fil-31 ta' Jannar 2007 u x-xhieda hemm inkluza u ppresentati quddiem dina l-Qorti, partikolarment is-segwenti:

   - Ix-xhieda ta' l-**Assistent Kummissarju Michael Cassar** moghtija fil-31 ta' Jannar 2007 (fol 32-44 – Vol 1).

   - Ix-xhieda ta' l-**Ispettur Ian Joseph Abdilla** moghtija fil-31 ta' Jannar 2007 (fol 181-208 – Vol 2).

   - Ix-xhieda ta' **Anthony Bonnici** bhala rappreżentant tal-Go Mobile, **Denise Formosa Gruppetta** bhala rappresentanta tal-Vodafone Malta Limited, l-**WPC 103 Marcelle Mifsud, Spett Joseph Cordina, PS 130 Ivan Cilia,** u **PC 1235 Warren Magri**, lkoll moghtija fit-2 ta' Frar 2007.

   - Ix-xhieda ta' **Claudio Grech** moghtija fil-31 ta' Lulju 2007 (fol 520-546 – Vol 3)

   - Ix-xhieda ta' **Claudio Grech** moghtija fis-7 ta' Novembru 2007 (fol 2684-2709 – Vol 9) u (fol 4473 – 4475 – Vol 11)

   - Ix-xhieda ta' l-**Ispettur Ian Joseph Abdilla** moghtija fis 7 ta' Novembru 2007 (fol 4448-4455 – Vol 11).

   - Ix-xhieda ta' **Claudio Grech** moghtija fil-11 ta' Dicembru 2007 (fol 4517-4529 – Vol 11)

   - Ix-xhieda tal-**Ispettur Paul Caruana**, **PS 499 David Agius** u **PS 266 Stefan Decelis** moghtija fis-17 ta' Jannar 2008.

   - Ix-xhieda ta' **Dr Henri Mizzi** moghtija fit-12 ta' Dicembru 2008. (fol 4810 – 4826 – Vol 12)

   - Ix-xhieda tal-**Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo**, moghtija fid-19 ta' Novembru 2010 (fol 5033 – 5047 – Vol 13)

2. Rat illi fit 18 ta' Novembru 2011 l-Avukat Generali, a tenur tal-Artikolu 370 (3) (a) tal-Kap 9, baghat lura l-atti sabiex il-Qorti tipproċedi a tenur tal-Artikolu 370 (3) (d) tal-Kap 9, fejn l-Avukat Generali qal is-segwenti: (fol 5097 – Vol 13)

   *Billi jidhirlu illi mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija tista tinsab htija (jew htijiet) taht dawk li hemm mahsub:-*

*LIL NOEL XUEREB WAHDU:*

*(a) fl-artikoli 18, 115, 120, 124, 126, 127 u 257 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(b) fl-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta u l-artikolu 9 tal-Kapitolu 50 tal-Ligijet ta Malta*

*(c) fl-artikoli 10, 17, 23, 31, 119, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta*

*LIL PIERRE MERCIECA WAHDU*

*(d) fl-artikoli 18 u 115, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(e) fl-artikoli 18, 42 u 115, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(f) fl-artikoli 18, 42 u 124, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(g) fl-artikoli 18, 42 u 126, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(h) fl-artikoli 18, 42 u 127, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(i) fl-artikoli 18, 42 u 257, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(j) fl-artikoli 18 u 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 9 tal-Kapitolu 50 tal-Ligijiet ta' Malta*

*(k) fl-artikoli 10, 17, 23, 31, 119, 120, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Iddecieda illi kif hemm mahsub fl-Artikolu 370(3)a) tal-Kodici Kriminali jibghat lil-imputat biex jigi ggudikat mill-Qorti hawn fuq imsemmija.*

*Jibghat lura ma' dan l-Att lil din il-Qorti l-Atti tal-Kumpilazzjoni hawn fuq imsemmija sabiex din l-istess Qorti, f'nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imputat skond dak li hemm mahsub fl-Artikolu 370(3)(b) u (c) tal-Kodici Kriminali, tiddeciedi fuq l-akkuza ta' din il-htija jew htijiet, jew f'kaz ta oggezzjoni, tipprocedi skond l-Artikolu 370(3)(d) tal-Kodici Kriminali, b'dan pero' li qabel ma l-Qorti tistaqsi lill-akkuzat jekk ghandux oggezzioni li l-kaz jigi trattat bi procedtura sommarja, il-Qorti ghandha, skond kif provvdut fl-Artikolu 370(3)() tal-imsemmi Kodici:*

*(a) Tiehu konjizzjoni ta' kull provi ohra li l-Pulizija jidhrilha xierqa li tressaq f'dan il-kaz;*

3. Rat illi fit 29 ta' Frar 2012, inqraw l-artikoli fuq elenkati u, filwaqt li l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oġġezzjoni li jiġu gudikati mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta. (fol 5111)

4. Rat illi fis-26 ta' April 2016 l-atti tal-kawża bdew jinstemghu minn din il-Qorti, kif komposta, u l-partijiet ezentaw lill-Magistrati milli jerga' jisma' x-xhidea kollha mill-gdid.

5. Rat illi fid-19 ta' Ottubru 2016 id-difiza qajjmet eċċezzjoni dwar l-inammissibilita' ta' l-istqarrijiet ta' l-imputati kif ukoll ta' l-intercettazzjonijiet telefoniċi.

6. Rat illi fit-8 ta' Frar 2017 saret it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u difensuri tal-partijiet dwar tali eċċezzjoni.

7. Rat illi fid-29 ta' Marzu 2017, il-Qorti tat id-digriet segwenti illi qieghed jiġi hawn riprodot ghall-kompletezza tal-atti finali:

**<u>Digriet tad-29 ta' Marzu 2017</u>**

Il-Qorti,

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2016, id-difiza resqet eccezzjonijiet illi dwarhom xtaqu jittrattaw, u dana dwar il-kwistjoni tal-ammissibilita` u l-valur probatorju tal-istqarrija li rrilaxxjaw l-imputati lill-pulizija esebiti fl-atti tal-process odjern u dan stante illi l-imputati ma kienux inghataw id-dritt li jkunu assistiti minn avukat qabel ma rrilaxxjaw l-istqarrija taghhom, kif ukoll l-ammissibilta' u l-valur probatorju ta' l-intercettazzjonijiet telefonici illi saru mill-awtoritajiet kompetenti u esebiti fl-atti tal-process odjern, u dan stante illi ma gewx esebiti il-Mandati rikjesti mill-Ligi;

Rat illi fis-seduta ta' dakinhar stess, il-Qorti differiet il-kawza ghat-trattazzjoni dwar tali eccezzjonijiet ghall 14 ta' Dicembru 2016.

Rat illi, eventwalment, wara varji differimenti, fis-seduta tat 8 ta' Frar 2017 saret it-trattazzjoni tal-abbli prosekutur u difensuri tal-imputati.

**Ikkunsidrat**:

It-talba ta' l-imputati jikkoncerna zewgt kwistjonijet separati, w il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidrahom separatament.

**<u>A. L-ammissibilita` w il-valur probatorju tal-istqarrija tal-imputati</u>**

L-ewwel talba tikkoncerna l-ammissibilita` tal-istqarrija tal-imputati u ta' dak kollu li l-Pulizija Ezekuttiva tista' tixhed dwaru abbazi ta' dak li l-imputat seta' qal verbalment lill-ufficjali tal-Pulizija waqt li huwa kien qieghed jigi nvestigat u nterrogat.

Jirrizulta illi l-imputati irrilaxxjaw stqarrija lill-pulizija, fil-kors tal-investigazzjoni taghha, liema stqarrija inghatat qabel l-10 ta' Frar 2010 u ghalhekk fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tipprovdi ghal assistenza legali qabel l-interrogatorju mill-pulizija ta' persuna suspettata. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010 permezz ta' l-Avviz Legali 35/2010.
Il-Qorti tosserva illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **<u>Mario Borg v. Malta</u>**, gie ritenut hekk:

"*1. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be*

*ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*"2. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

*"3. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*"….*

*"4. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*"5. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*"6. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention."*

Jirrizulta illi, sussegwentement, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**, fejn l-appellant ikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata minnu fis-sena 2002, stante illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti wara li rreferiet fit-tul ghas-sentenza appena citata u rreferiet ukoll ghall-kaz ta' **Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine**, deciz fit-13 ta' Gunju 2014, qalet hekk:

"*... allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi*

*l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).*

*Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(3) u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.*"

L-istess Qorti tal-Appell Kriminali kompliet hekk:

"*Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Dimech vs Malta fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setatx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:*

***"…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."***

Jirrizulta illi, f'dan il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset illi ghalkemm l-appellant ma wegibx ghad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tieghu, huwa kien wiegeb ghal xi domandi li gew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-htija tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl tad-decizjonijiet minnha citati, dan ma setax isir u ghaldaqstant iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova.

Fis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Cortis**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qablet pjenament mas-sentenza appena citata u ghaddiet biex tiskarta l-kontenut tal-istqarrija tal-appellant rilaxxjata minnu f'Mejju tas-sena 2005 "*u dan fuq il-premessa illi ma kellux il-beneficcju tal-assistenza legali waqt li mizmum taht arrest minkejja li l-ligi vigenti f'dak iz-zmien kienet teskludi l-jedd ghal tali assistenza*".

Finalment, fis-sentenza taghha tal-1 ta' Dicembru 2016, fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), wara li ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem **Borg vs Malta**, fuq citata, qalet hekk:

"*8. Following this judgement, our Constitutional Court has once again considered the issue on a number of occasions. In **Carmel Saliba vs L-Avukat Ġenerali** decided by the Constitutional Court on the 16th May 2016, that Court stated:*

*"17. Għalkemm din il-Qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.*

*"18. Din il-Qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.*

*"19. Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech fejn il-Qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.*

*"20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.*

*"21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' Dimech il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.*

*"22. Għalhekk il-Qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta ttieħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess...."*

*9. It is clear from this judgement that while in **Borg vs Malta** criminal proceedings had been concluded, in **Saliba** the Constitutional Court decided that the accused's statement should be expunged.*

*10. In the present case, respondent Onyeabor was interrogated by the Police without having been granted access to a lawyer – notwithstanding his request for a lawyer, which was denied and this as at the time there was "a systemic restriction applicable to all accused persons". Respondent thus made a statement on the 4th February 2008 without such legal assistance.*

*11. In **Aaron Cassar vs L-Avukat Ġenerali et**, decided by the Constitutional Court on the 11th July 2016, where the accused's statement to the Police did not contain any incriminating declarations which could in any way prejudice him – while the contrary would appear to be the case here – that Court concluded that in view of what was decided in **Borg vs Malta**, the mere fact of a denial of legal assistance in the pre-trial stage constituted a breach of Article 6(1) of the Convention read in conjunction with Article 6(3):*

*"8. Iż-żamma tal-bilanċ neċessarju bejn id-diversi interessi involuti (tal-individwu, tal-komunità, tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja) fit-twettiq tal-ħarsien tad-drittijiet fondamentali tal-individwu għandu jimmilita kontra s-sejbien ta' vjolazzjoni tal-*

*Konvenzjoni – ħaġa serja fiha nfisha – meta ma jkun hemm ebda konsegwenzi ta' preġudizzju fuq min iqis lilu nnifsu (mingħajr ma neċessarjament ikun hekk) bħala "vittma". Din fl-aħħar mill-aħħar kienet il-motivazzjoni ta' din il-Qorti fis-sentenza ta' Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali u sentenzi oħra li ġew wara, li ma sabux ksur tal-jedd għal smigħ xieraq meta min ikun ta stqarrija mingħajr ma kellu l-għajnuna ta' avukat ma jkun ġarrab ebda preġudizzju minħabba f'hekk.*

*"9. Madankollu, għalkemm din il-Qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fis-sentenzi fuq imsemmija hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata illi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza ta' Borg v. Malta imsemmija mill-ewwel Qorti, li tqis il-fatt biss ta' nuqqas ta' għajnuna ta' avukat bħala ksur tal-art. 6(1) moqri mal-art. 6(3) tal-Konvenzjoni."*

*12. Nor has appellant Attorney General adduced any "compelling reasons" which may have justified denying respondent Onyeabor access to a lawyer at the interrogation stage.*

*13. While the statement in question of the accused has not been shown to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement as laid down in article 658 of the Criminal Code, nevertheless, for the reasons stated above, the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement.*"

Il-Qorti ma tistax ma tghidx illi, a bazi tas-sentenzi fuq citati ghalhekk, il-posizzjoni legali llum il-gurnata hija wahda cara u kristallizzata u ghalhekk, fil-kaz odjern, la darba l-imputat ma nghatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel irrilaxxja l-istqarrija tieghu u b'mod partikolari ghaliex tqis ukoll illi ghamel dikjarazzjonijiet, fl-istess stqarrija, illi fic-cirkostanzi tal-kaz, jistghu jkunu ta' pregudizzju ghalih, il-Qorti m'hijiex qed tqis tali stqarrija bhala prova ammissibbli u qeghda tiskartaha.

**B. L-ammissibilta' u l-valur probatorju ta' l-intercettazzjonijeit telefonici**

It-tieni talba tikkoncerna l-ammissibilita` tal-intercettazzjonijiet telefonici illi saru fuq apparti telefonici tal-imputati u ta' dak kollu li l-Pulizija Ezekuttiva tista' tixhed dwaru abbazi ta' dak li l-imputat seta' qal verbalment waqt it-telefonati taghhom illi gew irregistrati.

Jirrizulta illi, tul l-investigazzjoni kollha tal-kaz, il-Pulizija Ezekuttiva, fl-istharrig taghha, talbet u ottjeniet li t-telefonati ta' l-imputati jigu intercettati u, sussegwentement, esebiet tali intercettazzjonijiet fl-atti tal-proceduri odjerni bhala prova kontra l-imputati.

Jirrizulta illi l-imputati qed jikkontendu illi tali intercettazzjonijiet ghandhom jigu skartati minn dina l-Qorti peress illi ma humiex intercetazzjonijiet legali u mahrugin skond il-Ligi.

Jirrizulta illi l-Artikolu 6 (2) tal-Kap 391 tal-Ligijiet ta' Malta, intitolat Att dwar is-Servizz tas-Sigurta', jipprovdi illi:

*Ebda interċettazzjoni ta' jew interferenza ma' komunikazzjonijiet fil-kors tat-trasmissjoni tagħhom bil-posta jew bil-mezz ta' sistema ta' radjokomunikazzjoni jew ta' telekomunikazzjoni jew b'kull mezz ieħor ma għandu jkun kontra l-liġi jekk dan jiġi awtorizzat b'mandat maħruġ mill-Ministru bis-saħħa ta' dan l-artikolu.*

Jirrizulta illi n-natura w il-legalita' ta' l-intercettazzjonijiet telefonici w il-presentata tal-Mandati relattivi mahruga mill-Ministru abbazi ta' l-artikolu fuq imsemmija kien il-meritu ta' proceduri fl-ismijiet '**Il-Puluzija vs Marco Pace'**, liema proceduri kienu wasslu ghall-ordni, da' parte tal-Qorti, biex tali Mandati jigu esebiti, liema Mandati attwalment kienu gew esebiti.

Jirrizulta illi l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, fejn il-Mandati gew esebiti mill-Awtoritajiet kompetenti, giet ikkontestata mill-Avukat Generali fil-kawza '**Avukat Generali vs Kap tas-Servizz tas-Sigurta, ir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali u, ghall kull interess li jista jkollu, Marco Pace**', fejn l-istess Avukat Generali talab illi l-Mandati esebiti jigu kkonsenjati lura lill-Kap tas-Servizz tas-Sigurta', fost affarjiet ohra.

Jirrizulta illi, fl-1 ta' Marzu 2011, l-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talba tar-rikorrent Avukat Generali u ghamlet is-segwenti ragunament:

> *11. Il-Qorti tifhem illi l-prinċipju ewlieni li għandu jirregola din il-vertenza essenzjalment huwa illi fi stat ta' dritt ma hemm ebda setgħa pubblika li ma hijiex ġejja mil- liġi, illi kull setgħa pubblika għalhekk għandha tiġi eżerċitata kif tgħid u trid il-liġi, u illi l-organu li huwa fdat mill-Kostituzzjoni bil-ġurisdizzjoni biex jara jekk il-liġi tħarsitx – u jekk setgħa ġietx effettivament eżerċitata kif tgħid u trid il-liġi jew le – hija l-Qorti. Il-kelma ta' uffiċjal pubbliku li hu mexa kif trid il-liġi ma hijiex biżżejjed biex ixxejjen din il-ġurisdizzjoni tal-Qorti u biex iċaħħad lill-individwu mill-jedd ta' aċċess għall-Qorti – jedd garantit taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.*
>
> *12. Għalhekk kull dispożizzjoni ta' liġi li tagħti setgħa pubblika għandha tinqara u tiftehemm fid-dawl ta' dan il-prinċipju kostituzzjonali u kull interpretazzjoni li tmur kontra dan il-prinċipju – fil-każ tallum, kull interpretazzjoni li żżomm lill-qorti milli tistħarrreġ dwar jekk il-Kap tas- Servizz tas-Sigurtà kellux mandat jew, għax ma kellux mandat, mexiex bi ksur tal-liġi – hija jew interpretazzjoni ħażina jew inkella interpretazzjoni tajba ta' liġi anti- kostituzzjonali.*
>
> *13. Billi l-preżunzjoni hija illi l-leġislatur ma jgħaddix liġijiet li jiksru l-Kostituzzjoni, il-qrati ordinarji għandhom dejjem ifittxu li jagħtu lil-liġi ordinarja interpretazzjoni konformi mal-Kostituzzjoni u, meta dan ma jkunx possibbli, għandhom jagħmlu referenza lill-qorti ta' kompetenza kostituzzjonali.*
>
> *14. L-art. 6(2) tal-Kap. 391 igħid hekk:*
>
> *" **6.** (2) Ebda interċettazzjoni ta' jew interferenza ma' komunikazzjonijiet fil-kors tat-trasmissjoni tagħhom bil-posta jew bil-mezz ta' sistema ta' radjokomunikazzjoni jew ta' telekomunikazzjoni jew b'kull mezz ieħor ma għandu jkun kontra l-liġi jekk dan jiġi awtorizzat b'mandat maħruġ mill-Ministru bis-saħħa ta' dan l-artikolu."*
>
> *15.* ***A contrario sensu, kull interċettazzjoni bħal dik tkun kontra l-liġi jekk ma tkunx awtorizzata b'mandat maħruġ taħt il-liġi u, jekk dak il-mandat ma jintweriex, il- qorti ma tkunx tista' tgħid jekk l-interċettazzjoni tkunx kontra l-liġi jew le***. (sottolinear ta' dina l-Qorti) *Jekk il-qorti ma jkollhiex is-setgħa li tordna li jintwera l-mandat, u għalhekk li tara jekk il-liġi tħarsitx jew le, il-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà jkun tqiegħed 'il fuq mil-liġi, ħaġa li żgur ma setgħetx tgħaddi minn moħħ leġislatur xewqan li jħares il-Kostituzzjoni, għax huwa assjomatiku illi fi stat ta' dritt ħadd ma hu 'l fuq mil-liġi. Interpretazzjoni tal-liġi f'dak is-sens tkun bilfors interpretazzjoni ħażina.*
>
> *16. Għalhekk kienet tajba u konformi mal- Kostituzzjoni l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal- Maġistrati fis-sens illi l-qorti għandha dik is-setgħa, u kien tajjeb ukoll u kien lejali lejn il-liġi l-għemil tal-Kap tas- Servizz tas-Sigurtà li mexa kif ried*

*dak l-ordni.*

Jirrizulta illi l-Avukat Generali appella minn tali decizjoni u fl-24 ta' Frar 2012, l-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Prim Istanza u ghamlet is-segwenti ragunament:

*Illi din hi kawza ta' natura legali imsejsa fuq provvedimenti tal-Att dwar is-Servizz ta' Sigurta` (Kap. 391 tal-Ligijiet ta' Malta). Il-konvenut Marco Pace ghaddej proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), u fil-kors tas-smiegh tal-provi tal-prosekuzzjoni gie esebit compact disk li jikkontjeni diskursata fuq it-telephone bejn l-akkuzat u terza persuna. Din l-intercetazzjoni telefonika saret, allegatament, bis-sahha ta' Mandat rilaxxat mill-Ministru responsabbli mis-Servizzi tas-Sigurta` kif awtorizzat bil- fuq imsemmija ligi. Il-Qorti tal-Magistrati, b'digriet tal-14 ta' April 2008, ordnat l-esebizzjoni tal-Mandat, li eventwalment gie esebit. L-Avukat Generali talab li dik l- ordni tal-Qorti tal-Magistrati tigi dikjarata illegali, peress li ma kellha ebda setgha taghti tali ordni, u li jkun awtorizzat jirtira l-istess Mandat.*

*L-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-Avukat Generali, li ressaq appell ghal quddiem din il-Qorti. L-aggravji tieghu huma duplici: (i) dawn il-proceduri ma humiex ta' natura kostituzzjonali u allura l-ewwel Qorti kellha ssegwi l-ligi minghajr ma tidhol biex tikkunsidra jekk l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati kienitx jew le konformi mal-Kostituzzjoni; u (ii) li l-ligi, fl-Artikolu 18 tieghu, espressament jipprojbixxi s-smiegh ta' provi dwar jekk ikunx jew le inhareg Mandat ta' din ix-xorta.*

*Trattat l-ewwel aggravji, din il-Qorti tara' li ghalkemm hu minnu li din il-kawza mhux ta' natura kostituzzjonali, fejn si tratta mil-liberta` tal-individwu, mhux projbit li l-ligijiet in materja jigu moqrija u interpretati fil-kuntest ta' dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni dwar il-libertajiet tal-persuna, specjalment ir-regoli intizi li persuna akkuzata b'reat ikollha smiegh xieraq. Fuq kollox, id-dritt ta' persuna li jkollha smiegh xieraq huwa principju naturali ta' dritt u anke l-ligi amministrattiva hija mmirata lejn dan il-ghan. Il-principju ta' dritt amministrattiv li kull diskrezzjoni moghtija lil xi awtorita` pubblika, anke jekk indikata f'termini l-aktar wisghin, hija dejjem sindakabbli mill-qrati, hu principju ta' gustizzja naturali bazat fuq ir-rispett lejn il-persuna tal- individwu. Il-kaz in ezami jidhol biex ikun ikkunsidrat bhala att amministrattiv, u ghalkemm din il-Qorti mhux se tghid, kif issottometta l-appellat Marco Pace, li "a non- justifiable administrative act" huwa fallaci, iridu jirrizultaw cirkostanzi gravi ta' interess pubbliku (ezempju, ta' difiza nazzjonali, tradiment) biex din il-Qorti tasal biex tiddeklina l-gurisdizzjoni generali li tissindika atti amministrattivi. Kwalunkwe decizjoni jew att li, min-natura taghha, hija kapaci li tkun reviewed mill-qrati, ghandha tkun soggetta ghal tali skruttinju, inattez kull tentattiv mil-Legislatur li jnehhi dik id-decizjoni mill-ezami ta' dawn il-qrati.*

*Fil-ktieb* ***De Smith's Judicial Review*** *(6th Edit. 2007 – Woolf, Jowell u Le Sueur), jinghad f'pagna 15 illi:*

*"Judicial review has developed to the point where it is possible to say that no power – whether statutory or under the prerogative – is any longer inherently unreviewable. Courts are charged with the responsibility of adjudicating upon the manner of the exercise of a public power, its scope and its substance. As we shall see, even when discretionary powers are engaged, they are not immune from judicial review. Discretion has been described as the 'hole in the [legal] doughnut', but that hole is not automatically a lawless void. Nevertheless, there are certain decisions which courts cannot or should not easily engage. Courts are limited (a) by their constitutional role and (b) by their institutional capacity."*

*L-eccezzjonijiet li jkompli jispjega l-awtur ma japplikawx ghal dan il-kaz. In parallel ma' dan, din il-Qorti tghid li l- Qorti ghandha dejjem s-setgha li tistharreg dwar il- legalita` jekk mhux dwar il-meritu ta' kull decizjoni ta' korp amministrattiv.* ***Ghalkemm ma tistax tingieb prova li jkun inhareg jew li jkun ser jinhareg***

***<u>Mandat, il-Qorti trid tkun sodisfatta li l-intercettazzjoni relattiva hija legali, u skont il-ligi, Artikolu 6, intercettazzjoni hija kontra l-ligi jekk ma tkunx awtorizzata b'Mandat mahrug mill-Ministru responsabbli. Ebda Qorti ma tista' tippermetti l-illegalita` u ghandha d-dmir li tara' li jekk tkun saret intercettazzjoni telefonika, b'indhil ovvju ghad-dritt ta' privatezza ta' dak li jkun, din tkun skont il-ligi.</u>*** (sottolinear ta' dina l-Qorti)

*Dan hu hekk ghax is-sistema Maltija, bhal dik Ingliza, hija bbazata fuq ir-rule of law. Kif jinghad fil-ktieb "Administrative Law" ta' Wade & Forsyth (7th Edit. Pagna 24),*

*"The British Constitution is founded on the rule of law, and administrative law is the area where this principle is to be seen in its most active operation. The rule of law has a number of different meanings and corollaries. Its primary meaning is that everything must be done according to law. Applied to the powers of government, this requires that every government authority which does some act which would otherwise be a wrong (such as taking a man's land), or which infringes a man's liberty (as by refusing him planning permission), must be able to justify its action as authorised by law – and in nearly every case this will mean authorised by Act of Parliament. Every act of governmental power, i.e every act which affects the legal rights, duties or liberties of any person, must be shown to have a strictly legal pedigree. The effected person may always resort to the courts of law, and if the legal pedigree is not found to be perfectly in order the court will invalidate the act, which he can then safely disregard."*

*Dan hu preciz dak li riedet taghmel il-Qorti tal-Magistrati f'dan il-kaz, agir li din il-Qorti qed tissanzjona. Sa zgur minn zmien il-famuza sentenza "**Anisminic**" (deciza mill- House of Lords fl-Ingilterra fl-1969), dawk l' hekk imsehja 'ouster clauses' ma jservux biex iwaqqfu lill-Qorti milli tara' li, tal-anqas, kull att tal-Gvern ikollu bazi fil-ligi. Dan hu principju fundamentali ta' dritt.*

*Din il-Qorti taqbel ma' dak li gie sottomess quddiem il- Qorti tal-Magistrati mill-appellat Marco Pace, meta saret riferenza ghall-kummentarju Ingliz ghal-ligi penali tal- Ingilterra, fejn il-ligi Maltija ssib l-origini taghha. Saret referenza ghal "Archbold" (Edit. 2008) li rrifera ghal opinjoni li kienu taw il-House of Lords fl-Ingilterra fl-2005 fis-sens li dik l-istituzzjoni irragunat li "it would be absurd that there could be no inquiry as to whether an interception was lawfully authorised or not, and as to whether or not the interceptor's conduct was excluded from criminal responsibility". Din il-Qorti tirraferma li l-qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni inerenti jissindikaw il- legalita` ta' kull att amministrattiv, u ebda ligi ma tista' tigi interpretata b'mod li twassal lil Qorti ma jimpurtahiex dwar jekk agir amministrattiv huwiex legali jew le.*

*Din il-Qorti, fil-kawza **General Workers Union v. Bank of Valletta plc,** deciza fid-19 ta' Jannar 2010, kienet ghamlet taghha decizjoni anterjuri fejn jinghad:*

*"Illi ghalhekk wiehed jista' jikkonkludi illi att diskrezzjonali ta' ufficjal jew korp amministrattiv jista' jigi sindakat mill- Qorti fis-sens biss li t-tribunal jara jekk l-att hux legali ("within the terms of the statute"), jekk gewx osservati l- proceduri mehtiega ("complied with regulations") u jekk l- ezercizzju tad-diskrezzjoni kienx "fair and honest". Il-Qorti ma tistax pero`, tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha, bhala opportunita` jew espedjenza, ghal dik tal-ufficjal jew tal- korp li jkun." (**Neg. Ugo Pace v. Prof. Joseph Anastasi Pace noe** deciza fl-1 ta' Mejju 1946 mill-Prim' Awla tal- Qorti Civili Vol. XXXII-II-317 li kienet dwar stharrig gudizzjarju tal-War Damage Commission)."*

*Jekk att hux legali jew le jidhol fil-mansjonijiet generali ta' dawn il-qrati, mansjoni inderrogabbli ghax qatt ma jista' jigi prezunt li l-Legislatur ried jillegalizza u jippermetti l- illegalita`*

> Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, a bazi tas-sentenzi fuq citati, il-posizzjoni legali hija wahda cara, fis-sens illi sabiex intercettazzjoni telefonika tkun wahda legalment ammissibbli, hija trid tkun mahruga b'Mandat tal-Ministru, kif tipprovdi l-Artikolu 6 (2) tal-Kap 391, u huwa dmir tal-Prosekuzzjoni illi tressaq il-prova mehtiega biex turi illi l-intercettazzjonijiet telefonici saru legalment bir-rizultat illi, jekk tali Mandati ma gewx esebiti, il-Qorti ma tistax tqis tali intercetazzjonijet bhala prova ammissibbli fil-proceduri odjerni u ghalhekk jigu skartati.
>
> Ikkunsidrati dawna z-zewgt kwistjonijiet mqajjma mid-difiza, il-Qorti tordna il-prosegwiment tal-kawza u tordna lid-difiza tindika, fi zmien gimgha mill-lum, permezz ta' nota, x'provi ohra fadallha tippresenta, liema provi ghandhom jitressqu fis-seduta li jmiss.

8. Rat illi wara tali digriet l-imputati komplew bil-provi tagħhom.

9. Semgħet ix-xhieda tal-akkuzat **Noel Xuereb** moghtija fit 3 ta' Mejju 2017.

10. Semgħet ix-xhieda tal-akkuzat **Noel Xuereb** moghtija fit 13 ta' Gunju 2017.

11. Semgħet ix-xhieda tal-akkuzat **Noel Xuereb** moghtija fil 25 ta' Ottubru 2017.

12. Semgħet ix-xhieda tal-akkuzat **Noel Xuereb** moghtija fit 8 ta' Novembru 2017.

13. Rat illi fil-28 ta' Jannar 2019 l-akkuzat Pierre Mercieca gharraf il-Qorti illi ma xtaqx jixhed

14. Semgħet ix-xhieda tal-**Psikjatra Dr Anthony Dimech**, prodott mill-akkuzat Pierre Mercieca u moghtija fit-28 ta' Jannar 2019.

15. Rat illi fit-28 ta' Jannar 2019 il-kawża ġiet differita ghat-trattazzjoni finali ghat-13 ta' Marzu 2019.

16. Semgħet it-trattazzjoni finali ta' l-abbli Prosekutur u difiża taz-zewgt akkużati maghmulha fit-13 ta' Marzu 2019, wara liema trattazzjoni il-kawża ġiet differita ghas-sentenza.

## 3. OSSERVAZZJONIJIET INIZZJALI

1. Il-Qorti tosserva, l-ewwel u qabel kollox, illi ghalkemm l-akkuzati tressqu b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-<u>24 ta' Jannar 2007</u> kien eventwalment fit-<u>18 ta' Novembru 2011</u> illi nhargu l-akkuzi fil-konfront ta' l-akkuzati.

2. Illi Qorti tosserva wkoll illi, l-Qorti, kif ippresjeduta, hadet konjizzjoni tal-atti fis-26 ta' April 2016, u semghet il-provi kollha difiza kif ukoll iddecidiet eccezzjoni preliminari dwar validita' ta' provi prodotti.

3. Il-Qorti tosserva wkoll illi, kif ppresjeduta, fliet madwar hamest elef u hames mitt (5,500) pagna ta' dokumentazzjoni u provi mressqa mill-prosekuzzjoni migbura fi tlettax-il volum.

4. Il-Qorti tosserva, finalment, illi dwar provi prodotti quddiemha, kemm l-istqarrijiet tal-akkuzati kif ukoll telefonati illi setghu gew intercettati u traskritti, dawna ma gewx meqjusa bhala prova valida skond il-Ligi, ghal ragunijiet ahjar deskritti fid-digriet fuq riprodott.

## 4. <u>FATTI TAL-KAZ</u>

1. Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi fis-sena 2004, il-Gvern tal-gurnata kien ghaddej bix-xogholijiet ta' kostruzzjoni tal-binja illi eventwalment infethet bhala l-Isptar Generali ta' Malta, Mater Dei fis-sena 2008 tardivament, u l-Gvern tal-gurnata beda jikkunsidra sistemi elettroniċi u apparati komputerizzati illi kellhom jiġu installati f'tali Sptar.

2. Jirrizulta illi f'dana iz-zmien, il-Ministeru, li tiegħu s-Sur Claudio Grech kien Kap tas-Segretarjat, ossija l-Ministeru ta' l-Investiment, Industrija u IT, tqabbad mill-Ufficju tal-Prim Ministru sabiex jiġġestixxi dana l-istadju ta' l-implimentar tal-progett tal-Isptar.

3. Jirrizulta illi, wara varji laqghat, f'April tas-sena 2005, il-Ministeru qabbad lill-Malta Information Technology and Training Services Limited (MITTS) sabiex tassisti lill-Ministeru fl-implimentar ta' tali proġett u s-socjeta MITTS kienet assenjat il-progett lill-akkuzat Noel Xuereb, illi kien impjegat taghha b'hamsa u ghoxrin sena esperjenza u li kien gia mexxa varji proġetti ohra simili ghall-Gvern tal-gurnata b'success.

4. Jirrizulta illi, bhala parti mill-implimentazzjoni tal-progett, gie kkreat '*Core Evaluation Committee*' illi tiegħu Claudio Grech kien ic-Chairperson filwaqt illi l-akkuzat Noel Xuereb kien membru tiegħu, liema Kumitat kien jagixxi flimkien ma' Technical Committee u Financial Committee komposti minn esperti ohra.

5. Jirrizulta illi f'Mejju tas-sena 2005 giet ippubblikata '*Contract Notice*' fejn il-Gvern gharraf lill pubbliku illi ried jaghmel progett intitolat '*Integrated Health Information System Strategic Partnership*', li ghalih sussegwentement sal-ahhar ta' Gunju 2005 idahhlu varji '*Expression of Interest*' minn ditti lokali u esteri.

6. Jirrizulta illi f'Ottubru 2005, wara li l-varji '*Expression of Interests*' gew mgharrbla minn '*Adjudication Committee*' mahluq ghal dana il-ghan, inharget '*Request for Proposal*' lill sitt offerenti filwaqt illi fix-xhur sussegwenti saru varji laqghat mal-offerenti bil-ghan illi jigi ccarat dak illi ried il-Gvern minghandhom.

7. Jirrizulta illi eventwalment, f'Jannar 2006, tlett offerti gew '*short listed*', ossija wahda mill-konsorzjoni ffurmat mis-socjetajiet AME Malta Limited/Intercomp u INSO Malta Limited (AME/INSO), ohra mis-socjeta estera iSoft plc u ohra minn socjeta estera ohra Intracom S.A.

8. Jirrizulta illi l-akkuzat Pierre Mercieca kien qiegħed jagixxi ghan-nom tal-konsonzju ffurmat mis-socjeta' AME/Intercomp/INSO.

9. Jirrizulta illi sussegwentement fl-ahhar ta' Jannar 2006, tqabbdet socjeta' estera, Gartner, sabiex tassisti lill-Gvern bhala '*technical consultants*' biex jaghtu pariri dwar varji kwistjonkjiet teknici illi jistghu jinqalghu.

10. Jirrizulta illi fix-xhur ta' wara, t-tlett offerenti ppresentaw il-progetti taghhom u saru zjarat f'postijiet indikati mit-tlett kandidati sabiex il-prodott minnhom propost jigi ezaminat.

11. Jirrizulta illi, sussegwentement, l-offerta tas-socjeta' Intracom S.A. ma gietx aktar ikkunsidrata stante illi l-programm elettroniku kien kollu bil-lingwa Griega u seta' kien hemm problema lingwistika, u ghalhekk fil-5 ta' Mejju 2006 l-offerti tal-konsorzju AME/Intercomp/INSO u tad-ditta iSoft plc baqghu jigu kkunsidrat filwaqt illi gie nnutat mill-Core Evaluation Committee, inkluz l-akkuzat Xuereb, illi l-offerta ta' l-iSoft kienet aktar vantaggjuza minn AME/INSO.

12. Jirrizulta illi, wara aktar evalwazzjoni tal-aspetti tekniċi u finanzjarji tal-offerenti, fl-4 ta' Settembru 2006 gie deċiż mill-Core Evaluation Committee, li fih kien hemm l-akkuzat Xuereb, illi jinbdew diskussjonijiet mas-socjeta' iSoft plc, illi kienet ġiet ikkunsidrata bhala l-aktar offerta vantaggjuza ghall-progett tal-Gvern, u d-Dipartiment tal-Kuntratti pproceda biex jgharraf lis-socjeta iSoft plc b'tali deċiżjoni.

13. Jirrizulta illi, ftit wara tali deċiżjoni, beda jiġi rappurtat fuq il-media internazzjonali illi s-socjeta' iSoft plc kellha problemi finanzjarji serji u l-akkuzat Xuereb attira dan lil Core Evaluation Committee, bir-rizultat illi s-socjeta' Ingliza Gartner tqabbdet sabiex tevalwa s-sitwazzjoni finanzjarja tas-socjeta iSoft plc.

14. Jirrizulta illi, sussegwentement, is-socjeta' Gartner irredigiet rapport fejn indikat illi seta kien hemm problemi fl-offerta ta' iSoft plc, in vista tal-problemi minnha riskontrati barra minn Malta, u għalhekk, fis-17 ta' Ottubru 2006, in vista ta' dan, gie deċiż illi jinbdew negozjati mal-offerent l-iehor, ossija l-konsorzju AME/INSO, u dan anke in vista tal-fatt illi l-Isptar Mater Dei kellu jinfetah mill-aktar fis possibbli u z-zmien kien qieghed jghafas.

15. Jirrizulta illi, riżultat ta' tali deċiżjoni, Claudio Grech, bhala Chairman tal-Core Evaluation Committee illi kien qieghed jikkunsidra l-progett, bghatt ittra fejn gharraf lil AME illi kienu qed jitqiesu bhala '*Preferred Bidder*' u għalhekk setghu jinbdew in-negozjati sabiex jiġi finalizzat il-kuntratt filwaqt illi ghamel sensiela ta' kundizzjonijiet addizzjonali, li ma kienux inklużi it-tender oriġinali, maghrufa bhala '*Conditions Precendent*', li ghalihom s-socjeta' AME rrispondiet.

16. Jirrizulta illi wara tali skambju, saru żewġt laqghat ta' diskussjoni fit-2 ta' Novembru 2006 u fl-24 ta' Novembru 2006 f'Malta fejn il-'*Preferred Bidder*' w il-Gvern iddiskutew kwistjonijiet tekniċi u legali tal-ftehim kif ukoll dwar x'kien ser jiġi offrut.

17. Jirrizulta illi, sussegwentement, wara skambju ulterjuri ta' korrispondenza u kwistjonijiet ohra, fejn hafna mill-kwistjonijet kienu qed jiġu riżolti, in vista tal-fatt illi z-zmien beda jghafas, saret l-ahhar laqgha, din id-darba ġewwa Milan, l-Italja, fejn attendew Claudio Grech flimkien ma' l-akkuzat Noel Xuereb u Dr Henri Mizzi, bhala konsulent legali. Jirrizulta illi attenda wkoll Pierre Mercieca bhala r-rappresentant Malti tal-konsorzju AME.

18. Jirrizulta illi dina l-laqgha saret bejn is-6 u 7 ta' Dicembru 2006, fejn Claudio Grech, bhala Chairman tal-Kumitat, ghamel zewgt rikjesti addizzjonali lill-AME, ossija illi l-Gvern jinghata l-hekk imsejjha '*Step In Rights*' mal-kumpanniji illi jissupplixxu l-ghodda mehtiega, kif ukoll illi AME tagħmel garanzija Bankarja.

19. Jirrizulta illi dwar il-garanzija bankarja, Claudio Grech kien ikkonkluda unilateralment illi tali garanzija kellha tkun ta' erbgha miljun Euro, filwaqt illi stqarr ma' dawk li kienu presenti mieghu ġewwa Milan, ossija l-akkuzat Noel Xuereb u Dr Henri Mizzi, illi kien dispost illi jaċċetta garanzija ta' żewġ miljuni u nofs.

20. Jirrizulta illi filwaqt li l-kwistjoni ta' '*Step In Rights*' kienet faċilment riżolta, l-kwistjoni tal-Garanzija Bankarja ma ġietx inizjalment aċċettata u l-laqgha intemmet billi s-socjetai AME harget barra mid-diskussjonijiet u baqghet illi kellha tiġi lura b'risposta.

21. Jirrizulta illi, sussegwentement, ftit tal-hin wara li ntemmet il-laqgha, s-socjeta' AME gharrfet lil Claudio Grech illi kienet lesta taghti garanzija bankarja ta' żewġ miljuni u nofs.

22. Jirrizulta illi wara tali informazzjoni, gie deċiż illi jinghalaq il-process ta' diskussjoni sabiex il-kuntratt jiġi finalizzat u komplut.

23. Jirrizulta, di fatti, illi saru laqghat ġewwa Malta bil-ghan illi jinghalaq kollox.

24. Jirrizulta, madanakollu, illi wara laqgha illi saret fl-20 ta' Dicembru 2006, Claudio Grech, meta ra illi s-socjeta' AME/INSO aċċettat li taghti garanzija bankarja ta' żewġ miljuni u nofs, beda jkollu suspett illi informazzjoni sensittiva kienet qed tinghata lil AME/INSO, u għalhekk gharraf minnufih lill-Ministru responsabbli, Dr Austin Gatt li, minn naha tiegħu, gharraf lill-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi.

25. Jirrizulta illi fit-22 ta' Dicembru 2006 il-Kummissarju tal-Pulizija intalab jibda jinvestiga.

26. Jirrizulta illi, nelfrattemp, id-diskussjonijet mas-socjeta' AME baqghu ghaddejjin.

27. Jirrizulta illi fl-14 ta' Jannar 2007 il-Pulizija ghaddiet biex tagħmel perkwiżizzjoni fir-residenzi u l-ufficji taz-zewg akkużati kif ukoll elevaw varji kotba u computers.

28. Jirrizulta illi fis-16 ta' Jannar 2007 il-Gvern hareg stqarrija tramite l-Ufficcju tad-DOI fejn gharraf lil kullhadd illi l-process tat-Tender kien qed jiġi sospiż minhabba f'investigazzjonijiet.

29. Jirrizulta illi fl-24 ta' Jannar 2007 l-akkuzat tressqu b'arrest quddiem dina l-Qorti bl-akkuzi illi ser jigu decizi llum.

30. Jirrizulta illi sussegwentement il-Gvern rega' hareg tender ġdid, din id-darba ridimensjonat u izghar, li eventwalment gie akkordat lill soċjetà illi maghha kienet involuta s-socjeta' iSoft Ltd.

## 5. Provi tal-Prosekuzzjoni

1. Jirrizulta illi l-Prosekuzzjoni, bhala parti mill-provi minnha mressqa, ressqet l-Istqarrijiet illi ghamlu l-akkuzati dakinhar illi kienu gew arrestati kif ukoll jiem wara, liema Stqarrijiet, madanakollu, dina l-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tagħhom in vista ta' deċiżjonijet mehudha mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem kontra Malta u deċiżjonijiet tal-Qrati lokali illi jirrispekkjaw tali deċiżjonijet, kif gia minnha degretat fid-digriet fuq riprodott.

2. Jirrizulta wkoll illi l-prosekuzzjoni ppresent recordings ta' telefonati bejn l-akkuzati, liema recordings gew sussegwentement traskritti mill-espert tal-Qorti Dr Martin Bajada, madanakollu tali recordings u traskrizzjonijiet ma jistghux jitqiesu minn dina l-Qorti stante illi, kif gia deċiż minn dina l-Qorti f'digriet fuq imsemmi, tali telefonati ma kinux mehudha bis-sahha ta' ordnijiet leġittimi u legali.

3. Jirrizulta, finalment, illi flimkien mal-Istqarrija ta' Pierre Mercieca hemm annessi serje ta' dokumentazzjoni, inkluż korrispondenza skambjata bejn l-akkuzati in konnessjoni mat-tender li kien hemm pendenti u li wassal ghall-proceduri odjerni, liema korrispondenza, madanakollu, qatt ma ġiet kkonfermata l-awtenticita' taghha kif ukoll min iggenera tali korrispondenza, w l-Prosekuzzjoni strahet biss, dwar min baghat dawna l-emails u n-natura ta' dawna l-emails, fuq dak dikjarat fl-Istqarrijiet tal-akkuzati, liema Stqarrijiet, madanakollu, dina l-Qorti ma tistax tikkunsidra ghar-ragunijiet fuq gia indikat.

4. Jirrizulta, ghalhekk, illi x-xhud prinċipali tal-Prosekuzzjoni f'dana il-kaz, apparti x-xhieda l-ohra kemm tas-Servizz kif ukoll xhieda ohra ppresentata mill-Prosekuzzjoni, kien Claudio Grech, illi kien il-persuna illi wassal sabiex tinbeda l-investigazzjoni da' parte tal-Pulizija u li gharraf is-suspetti tiegħu lill-Ministru tiegħu, Dr Austin Gatt u, sussegwentement, lill-Prim Ministru tal-gurnata, Dr Lawrence Gonzi.

5. Jirrizulta illi x-xhud Claudio Grech, fix-xhieda tieghu moghtija fis-7 ta' Novembru 2007 kellu dan xi jghid dwar il-laqgha finali li saret fil-15 ta' Dicembru 2006 f'Malta fejn kellu jiġi konkluż il-ftehim mal-konsorzju AME/INSO u fejn, ghal l-ewwel darba, s-Sur Grech hass illi kellu suspett:

   *U f'dan il-meeting, kien hemm apparti li gew diskussi l-aspetti li kien hemm hemmhekk, il-membri tal-consortium li kienu biss, li kien hemm membri biss mill-consortium mill-AME ghal dak il-meeting, ma kien hemm hadd mill-INSO, ma kien hemm hadd mill-kumpaniji l-ohrajn prezenti ghall-meeting, kien, jien rajt u hassejt illi kien hemm xi forma ta' komunikazzjoni ghaddejja bejn xi hadd minn naha tal-Gvern, u xi hadd minn naha ta' l-AME, u <u>dan jien wasalt ghall-konkluzjoni ghalih ghaliex id-diskors u l-lingwagg li beda jintuza' f'dak il-meeting, kien ibbazat fuq dokumenti u fuq diskussjonijiet li kienu saru nternament biss, u ma sarux fl-ebda hin ma' dawn il-persuni.</u> Principarjament intuzat ukoll parti mill-process li ahna nternament konna qed insejhulu 'gap analysis', li kien il-process li eventwalment kellu jindirizza d-differenza bejn dak li kienu ged isibu fit-technical evaluation u dak illi huma dawn, Heinz Smidek attwalment qed jipprezentaw fis-sistemi, li*

*partikolarment, baqa' jirreferi lejn din it-tip ta' terminologjia, u hija terminologija li ma kinitx qed tintuza' fid-diskussionijiet taghna bejniethom, kienet biss terminologija li kienet ged tintuza' again internament.*

*Jien f'dak il-meeting, li hassejt kien illi dawn il-persuni kienu qeghdin two steps ahead of us, tajjeb, fid-diskussjonijiet.*

*….*

*Sur Magistrat, jien ha nghid hekk, jien nerga' nghid, this was a feeling, hassejt, hekk biss, hassejt hekk biss, ma nistax nghid jien, ma nistax nghid jien li dan kont naf, jew ghandi prova ghax li kelli prova mhux suspett kien ikolli, prova, jien f'dik l-istanza kelli, hassejt li kelli suspett, tajjeb.*

*…*

*Ehe, dawn l-ewwelnett nerga' nghidlek din l-issue jien l-iktar li hassbitni kienet it-terminologija li bdiet tintuza', dik it-terminologija li konna qed nuzaw ahna nternament, wahda. It-tieni, illi dawn kienu awtomatikament qishom they took totally for granted the fact that this was a closed agreement, jigifieri ma kienx hemm dik l-atitudni illi ghad fadal x'isir biex jintlahaq il-ftehim*

**Qorti:** *Ghad fadal hurdles*

*Tajjeb, u jien nerga' nghid, ma ntqal xejn, ma nista' nghid li ntqal xejn illi jien, u f'dan il-meeting jien nerga' nghid hrigt minnu b'dan is-suspett, pero' nibqa' nghid li m'ghandix problema li nghid li dan kien suspett u suspett biss, u kien suspett li kien li jien biss kien fil-hsieb tieghi biss, u xejn iktar. Jien l-ghada ta' dan il-meeting li ghamilt kont illi spjegajt dawn is-suspetti li jien kelli u l-motivazzjoni tieghi warajhom lill-Ministru Gatt, u l-Ministru Gatt dakinhar stess, dakinhar stess, talab laqgha mal-Prim Ministru biex jien inkun nista' wkoll nispjega lilu dawn is-suspetti li jien kelli. Jien hassejt illi kelli nesprimihom dawn is-suspetti, u l-Ministru hass li jien dawn is-suspetti wkoll kelli nesprimihom direttament lill-Prim Ministru. Lill-Prim Ministru jien spjegajtlu by and large dan il-process kollu li jien spjegajt hawnhekk, u lill Prim Ministru jien ukoll spjegajtlu illi ovvjament dan kien suspett, dan kien suspett li ma kelli l-ebda certezza assoluta li jien, jew ma kellix persuna ndikata illi jien stajt nghid persuna A jew persuna B, pero' jien kelli dan is-suspett.*

*Spjegajtlu wkoll illi ovvjament it-timing illi kien hemm, kieku wiehed kellu jissospendi dan il-process, kieku wiehed kellu jwaqqaf dan il-process, kien ha jkun, kien it would impinge fuq il-process tal-migration tal-Mater Dei, jigifieri kien hemm dan l-stumbling block qawwi ghaliex minghajr din is-sistema, l-isptar Mater Dei ma setax jiftah. U l-Prim Ministru fl-istess laqgha dak il-hin stess, kien ta' direzzjoni lill-Ministru u lili, illi jien dawn is-suspetti kemm nghaddihom lill-Kummissarju tal-Pulizija u nkomplu l-process kif ghaddejjin u nhallu l-investigazzjoni biss u esklussivament fidejn il-Kummissarju tal- Pulizija.*

*Jien fit-22nd of December, saret din il-laqgha mal-Kummissarju tal-Pulizija, il-Ministru Gatt kien talbu li jmur fl-ufficju tieghu, jien kont prezenti ghal din il-laqgha, spjegajt ergajt prattikament l-istess process hawnhekk sa fejn wasalna lill-Kummissarju tal-Pulizija, u mbaghad minn hemmhekk il-Kummissarju tal Pulizija nimmagina illi beda l-investigazzjoni tieghu. Kien hemm, il-process in the meantime baqa' ghaddej, ahna bqajna ghaddejjin bid-diskussjonijiet illi kien hemm u konna ovvjament resqin issa, kien hemm xi ftit granet tal-Milied illi ovvjament kien hemm qisu recess bejn dawk mbaghad fit-3rd of January jien ktibt lill-AME l-issues li kien fadal pendenti halli nkunu nistghu nibdew nikkonkludu biex nersqu lejn the contracting stage. This was speci ta' the final stretch issa qabel ma nidhlu biex ninnegozjaw l-actual text tal-kuntratt li ahna konna diga qed nizviluppaw on a separate stream biex kif inlestu dan il-process*

***Qorti:*** *It-teknikalitajiet, yes*

*Nidhlu immedjatament f'dik l-istadju.*

6. Jirrizulta illi wara li l-Pulizija, abbażi tas-suspett mqajjem mis-Sur Claudio Grech, għaddew biex arrestaw lill-akkużati, l-istess Sur Grech kellu dan xi jgħid dwar x'gara:

   *Ehe li gara mbaghad kien jien kont tajt parir fuq kif kellu jitmexxa, fl-opinjoni tieghi fuq kif kellu jitmexxa l-process, jien l-opinjoni tieghi kienet illi process f'dak l-istadju kien ivvizjat, u illi t-tender process kellu jitwaqqaf u jerga' jibda mill-gdid. Dik kienet ovvjament opinjoni teknika, jien li naf illi l-Avukat Generali ntalab mill-Prim Ministru biex jaghti l-parir tieghu fuq il-findings li kellhom il-Pulizija, mhux il-findings ovvjament mhux il-process tat-tender illi ovvjament ahna ma kellniex access ghal dik it-tip ta' nformazzjoni, u l-Avukat Generali kien ta' l-parir lill-Prim Ministru u bhala Ministru tal-Finanzi illi t-tendering process, dak it-tender kellu jigi mwaqqaf, jigifieri mhux illi jigi skwalifikat wiehed mit-tenderers u jitkompla fuq tenderer iehor, pero' li t-tender kollu kemm hu jigi kkancellat*

   ***Qorti:*** *U hekk sar?*

   ***Xhud:*** *Hekk sar*

## 6 - Provi Difiza

1. Jirrizulta illi l-akkuzat **Pierre Mercieca** ghazel illi ma jixhidx filwaqt illi pproduca bhala xhud lill-**Psikjatra Dr Anthony Dimech** illi kellu dan xi jgħid dwar l-istat ta' sahha tal-akkuzat Mercieca

   *Il-problema tas-Sur Mercieca hija dik ta' instabbilta qawwija emozzjonali assocjata ma' dipressjoni u kien hemm anke episodji fejn is-Sur Mercieca kien vicin li jnehhi hajtu, u minhabba li ... li l-kundizzjoni saret kronika u anke*

*matul iz-zmien ha sustanzi psiko ... emm ta' kura psikjatrika, numru ta' medicine f'dozi illi kienu mhux hazin, speci dawn ikomplu jikkontribwixxi biex il-funzjonalita' tal ... il-funzjonijiet ezekuttivi tal-mohh emm ... ma jibqghux dawk li kienu.*

2. Jirrizulta illi l-istess Dr Dimech ippresenta Rapport Mediku minnu redatt u kellu dan xi jgħid dwaru:

   *Fejn f'dak ir-rapport jigbor l-impressjoni klinika tieghi fuq numru ta' ... ta' seduti. Jiena kont rajt li barra li ... emm ... il-livell ta' funzjonament tas-Sur Mercieca ma kienx dak li kien qabel, mill-affarijiet kif spjegali u anke mill-hajja tieghu ta' kuljum, u anke min kif jirrelata mal-aktar nies vicin tieghu u anke ma' nies ohrajn, li kif ... emm ... kif naraw, hafna drabi meta jkun hemm kundizzjoni ta' sahha mentali serja u fit-tul ... kronika din taffettwa l-aktar funzjonijiet importanti tal-mohh li jaghmlulna bnedmin, kif nuzaw l-attenzjoni, kif wiehed ikun kapaci emm ... isostni l-attenzjoni ghal numru ta' hin u jcaqlaqha skont il-bzonn tieghu, kif wiehed jirregola l-emozzjonijiet, kif wiehed ikun kapaci jippjana, kif wiehed ikun kapaci juza l-informazzjoni tal-passat biex isolvi l-problemi tal-prezent, kif wiehed jiddeveloppja ... ha nuza kelma Ingliza, insight fi problemi ... f'affarijiet li jkun ghaddej minnhom, kif wiehed ikun kapaci anke juza memorji u jirrapprezentahom emm ... b'mod li mhux buyist ... dawn kienu qed jigu kollha affettwati, specjalment meta jkun qed jipprocessa materjal li ghandu x'jaqsam ma' l-esperjenza trawmatika, kien qal li ilu ghaddej fil-kawza l-Qorti ghal numru twil ta' snin ... madwar xi tnax –il sena. Hemmhekk, il-livell ta' ansjeta' jidher li jitla' allura dawn il-funzjonijiet ... dawn il-funzjonijiet jigu affettwati iktar. U ghalhekk jiena kont wasalt ghal konkluzjoni li emm ... huwa difficli hafna ... kwazi impossibbli li s-Sur Mercieca jista' jixhed b'mod li jista' jaghti informazzjoni li hija kif hu jahseb li hi vera. Ghax kif ha ... kif il-process kumpless ta' information processing, qed jigi affettwat b'mod signifikanti.*

3. Jirrizulta illi l-akkuzat **Noel Xuereb**, mill-banda l-ohra, ghazel illi jixhed, u fid-dettall, u beda biex jghid illi in vista tal-hamsa u ghoxrin sena esperjenza illi huwa kellu mal-MITTS, huwa kien gie assenjat mill-istess MITTS sabiex jaġixxi ta' Core Project Manager mal-Ministeru illi tiegħu Claudio Grech kien Head of Secretariat, u dana sabiex tiġi installata sistema tal-IT ġewwa l-Isptar ta' Mater Dei illi dak iz-zmien kien ghadu qieghed jinbena u li kellu jiġi installat fis-sena 2007.

4. Jirrizulta, skond l-akkuzat Xuereb, illi wara illi saret l-evalwazzjoni tal-offerti prinċipali illi kienu baqghu jiġu kkunsidrati wara proċess twil ta' evalwazzjoni, ossija l-offerti tal-kumpannija iSoft Ltd u tal-konsorzju AME/INSO, fil-vot tal-*Core Evaluation Committee,* illi fih huwa kien membru, huwa kien personalment ivvota favur l-offerta tal-iSoft Ltd, u di fatt jgħid: (fol 5205)

   *On the 4th September hadna another ranking u r-ranking kien ibbażat b'technical review u sar individual scoring u hawnhekk hrigna a consensus scoring bażikament, say l-ewwel ghamilna an individual scording fejn again kullhadd ivvota li nirrankjaw lill iSoft l-ewwel u lil AME second. Dejjem abbażi ta' dan li kien hemm miktub fuq il-karta fuq il-bid. Jiena hawnhekk in this case lil iSoft ivvotajthom two thousand three hundred and eighty point*

*nine six. Dak kien l-overall scoring ta' din l-ispread sheet li kienu tawna l-Gartner*

*Qorti: Dana kien l-individual scording tieghek?*

*Kien l-individual scoring tiegħu in this case. U l-AME one thousand eigth hundred ninety nine point ten, li obviously jidher li kien hemm daqsxejn ta' distakk, basically. Pero hawnhekk ta' min wiehed jinnota li all the members of the committee they voted iSoft and AME second."*

5. Jirrizulta illi sussegwentement, ftit jiem wara, hargu fuq il-media internazzjonali stejjer li tefghu f'dubju l-istabbilita' finanzjarja tas-socjeta iSoft Limited, fejn kienu qed isiru allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet finanzjarji kif ukoll ta' implimentazzjoni ta' proġetti simili ġewwa l-Ingilterra, tant illi l-Core Evaluation Committee inkariga lis-socjeta estera Gartner, illi kienet qed tassisti lill kumitat fl-evalwazzjoni ta' min kien qed joffri s-servizz, sabiex tagħmel 'risk assessment' tas-socjeta iSoft Limited u tal-AME/INSO.

6. Jirrizulta illi sussegwentement, is-socjeta' estera Gartner harget rapport fejn gharrfet illi s-socjeta iSoft Limited ma kienetx offerta li setghet tiġi kkunsidrata, tant illi fir-rapport tagħhom qalu s-segwenti: (fol 5239)

*In conclusion: There would be substantially greater risks in awardung the IHIS contract to iSoft than in awarding to AME's consortium. The advantages of iSoft that emerged from the IHIS evaluation should be carefully weighed against these risks, which have only become apparent during the time since the proposals were received."*

7. Jirrizulta illi sussegwentement il-Core Evaluation Committee regghet ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha u l-akkuzat Xuereb kellu dan xi jgħid: (fol 5210)

*Hawnhekk hadna another scoring. Issa hawnhekk fejn tibda tiehu another turn l-istorja kollha din il-bicca xoghol fejn hawnhekk jiena bdew jidhluli certu dubju fuq ir-reazzjoni l-attitudni ta' Claudio Grech bhala Head of Segreterjat tal-Ministeru. Hawnhekk hadna scoring u Alla Ibierek f' dak l-iscoring kulhadd ivvota favur l-AME and we … first except Claudio Grech. Baqa' jinsisti li l-iSOFT kienu the perfect bid to implement this government.*

*….*

*… Issa hawnhekk nixtieq naghmel daqsxejn ta' parentezi zghira and nispjega r-relazzjoni bejn Claudio Grech, il-Ministru Austin Gatt, u iSOFT. iSOFT kienu rapprezentati hawn Malta min Demajo Group. Issa jiena fil-Ministru fil-Head of Segretarjat ma kontx impjegat hemmhekk bhala a political appointee kif kienu il-kumplament tal-kollegi tieghi li kienu political appointee. Jiena I was just a technical appointee. Fil-fatt fil-politika ma kont nidhol xejn hlief meta kien jigi l-Ministru, kienet wasal il-budget, kien jghidli - aghtini rendikont ghal budget x'ghamilna x'progressi ghamilna bazikament. Hemmhekk kienet tidhol l-involviment tieghi li tista' tghidilha politika; minn bqija ma kelli l-ebda konettazzjoni ma' politika. Pero` hawnhekk ta' min wiehed isemmi li Demajo Group kien jisponsorja l-election campaign ta'*

*Austin Gatt, u kien hemm tendenza li l-progetti l-kbar kienu jinghataw lil Demajo Group. Issa jekk mhux Demajo Group, Demajo Group kellu agenzja, a subsidiary company kienet jisimha Exegy li kienet timplimenta affarijiet progetti ta' l-IT. Imma jekk wiehed jara per ezempju l-passaporti De La Rue. De la Rue rapprezentata minn Demajo Group.*

8. Jirrizulta illi dwar il-mod kif beda jitmexxa kollox mal-konsorzju da parte ta' Claudio Grech, l-akkuzat Noel Xuereb kellu dan xi jgħid: (fol 5212)

*So pero` hawnhekk wiehed jinnota the change of attitude, ftakar li Claudio Grech kien l-unika wiehed li ivvota – baqa' jivvota favur l-iSOFT, u hawnhekk bdejna ninnotaw hafna mill-membri tal-Core Evaluation Committee that his attitude changed. Issa u hawnhekk bdejna in-negozjati. Issa jiena wahda mill- ... jiena innegozjajt hafna deals ghan-nom tal-gvern meta kont fil-gvern. Wahda mir-regoli kardinali meta tibda negozjati huwa li that on your first day you put all your cards on the table. Ftakar li dan l-aim tieghu huwa biex tasal, mhux biex tipprova – skuzi tfotti jew taghmel xi haga! You know? So it's a - l-aim taghna kien li naslu. U hawnhekk wiehed jinnota li l-attitudni ta' Claudio kienet, kif issa nispjega iktar 'il quddiem, li ma kinetx li tasal, imma li kienet li jwaqqaf il-process biex l-AME ma jiehdux il-kuntratt u jaqa' fuq l-iSOFT. Issa ..*

***Dr Joe Giglio :***
*Din kienet percezzjoni tieghek pero`?*

***Xhud :***
*Din kienet percezzjoni tieghi, pero` kienet percezzjoni ta' xi uhud mill-membri mill-Core Evaluation Committee members as well; u dan jixhed per ezempju. Hawnhekk meta kellna l-ewwel meetings ma' .. mhux meetings actually, bdejna nikkorrispondu ma' l-AME dan Claudio hareg with what we use to call a set of conditions precedent. Huma request li ahna ridnihom jimmijtjaw pero` importanti hafna li dawn ma kienux fit-tender document. U x' kienu dawn?*

***Il-Qorti :***
*Zied ma' dak li kien hemm.*

***Xhud :***
*Zied ma' dak li kien hemm. U dawn kienu, ma kienux affarijiet zghar. Kienu affarijiet kbar. Per ezempju zied l-istep in rights. He wanted, issa hawnhekk ta' min wiehed isemmi li l-AME kienu a consultancy company maghmulin minn tlettax-il persuna. Pero` huma they managed the project and subcontract to Siemens li it was a big company basically. Bl-iskuza li dawn huma a small company ta' 13 minn nies allavolja dawn implimentaw progetti ikbar minn ta' Malta barra minn Malta, dan ma hassux komdu u hargilhom with these set of precedent conditions li fosthom kienu, bank guarantees, li ma kienux bank guarantees zghar; issa nispjega iktar 'il quddiem, u step-in rights, step-in rights minn diversi aspetti, issa nispjega 'l quddiem x' kienu dawn l-step-in rights.*

*Hawnhekk ir-rapprezentant ta' Department of Committee li kien jismu Mr Anthony Fava ..*

***Il-Qorti :***
*Rapprezentant ta' min kien?*

***Xhud :***
*Tad-Department of Contract, sorry, - Department of Contracts.*

***Il-Qorti :***
*Ok, kompli.*

***Xhud :***
*Li jekk minhiex sejjer zball kien xi assitent direttur dak iz-zmien tad-Department of Contracts, illum huma pensjonant; gibed l-attenzjoni lil Claudio Grech, u actually tah canfira f' wahda minn l-emails, qallu isma', qallu you need to be careful qallu ghax ma tistax titlob affarijiet li ma humiex qeghdin fit-tender bid taghhom. You can negotiate them imma mhux affarijiet godda.*

9. Jirrizulta illi lejn l-ahhar tan-negozjati mal-AME/INSO, saret laqgha ġewwa Milan, fejn Claudio Grech ressaq talbiet addizzjonali, illi kien gharraf lill-*Core Evaluation Committee* ftit qabel, ossija illi tinghata Bank Guarantee u li jiddahhlu 'l hekk imsejjha '*Step in Rights*'. Dwar tali laqgha u tali proposti, l-akkuzat kellu dan xi jgħid: (fol 5249)

*Issa meta nerga' lura ghal meeting ta' Milan kif dan semma li dawn l-bank guarantees niftakar car, li ma nafx x' kien jismu, imma c-Chairman ta' Etruria, sabbat idejh fuq il-mejda and he walked out of the meeting basically. Qal I've had enough of this - skuzi l-kelma – shit, qal, qal dejjem qed jinkrijzjaw il-bank guarantees, qal that's it ... basically. At this stage waqqafna l-meeting u ddecidejna li nergghu niltaqghu within an hour minn mindu waqafna.*

U żied jgħid (fol 5256):

*Ezattament. So basically hawnhekk meta l-meeting kellna inwaqfuh ghax dan qal - isma' jiena xbajt nisma' b' dawn il-bank guarantees u step-in rights u strictly speaking mhux suppost kellna nenforzjaw fuqhom ghax ma kienux fit-tender jew m akienux imdhallin fit-tender. Dan basically qabad u qam and he walked out of the meeting. At this stage jiena, hawnhekk importanti, ikkuntatjajt lis-Sur Mercieca, ghedtlu – isma', (ghax is-Sur Mercieca kien ir-rapprezentant ta' AME), ghedtlu lets try and put a pressure and ...*

*....*

***Xhud :***
*F' dik is-siegha sseparajna, huma marru ghal rashom; ghax huma kellhom kamra separata ghalihom u ahna kellna separata ghalina.*

***Il-Qorti :***
*Ok; qbilna*

***Xhud :***
*So I called him u ghedtlu – isma' conclude, ghedtlu try to persuade them at least jaccettaw ta' two point five million, you know? Jaccettawha halli jekk jista' ikun illum nikkonkludu hawnhekk.*

***Dr Joe Giglio :***
*Issa x' wasslek biex tehodha dan il-pass? Ghaliex ghamiltu dan il-pass?*

***Xhud :***
*ma kien hemm l-ebda xaqq ta' dawl li konna ser naslu x' imkien; anke bir-reaction tieghu dan jigifieri ..*

***Il-Qorti :***
*Ir-reaction tac-Chairman tal- ..*

***Xhud :***
*Tac-Chairman, hasadna hu, jigifieri hija -.. u ma kienx hemm xaqq ta' dawl li nikkonkludu, kien jidher car. Barra minn hekk kien ghad fadal hafna xoghol. Id-draft tal-kuntratt konna ghadna lanqas biss bdejna ghadna naghmluh! You know? Jigifieri dan wasalna December u mbaghad f' December obviously jigi l-period tal-Christmas; fejn kien hemm zmien li konna at least for one week konna ser nieqfu, you know? U kollox kien hemm il-pressure qed tikber tikber, u ma kien hemm l-ebda xaqq ta' dawl li ser naslu.*

10. Jirrizulta illi fost l-allegazzjonijiet maghmulha fil-konfront ta' l-akkuzati, saret allegazzjoni illi l-akkuzat Pierre Mercieca kien ta', bhala rigal, '*fireplace'* lill-akkuzat Noel Xuereb. Ta' dan, l-istess Xuereb kellu dan xi jgħid: (fol 5420)

***AC Ian Abdilla :***
*Mela throughout anke din l-investigazzjoni kienet issemmiet l-issue ta' fireplace. Tista' tispjegalna jekk joghgbok din l-issue tal-fireplace kif kienet?*

***Xhud:***
*Sur Magistrat, din kienet xi haga li sabu xi tarf u ppruvaw jigbdu lilha biex ihammgu, l-prosekuzzjoni, biex ihammgu lili biex taparsi, ara mela vera dak li qed nahsbu ahna. Dan ftakar fatt li l-prosekuzzjoni kellha pressure politika kbira fuqha minn naha tal-Ministeru taghna ghax riedu li l-prosekuzzjoni lili ttellaghni kemm jista' jkun malajr il-Qorti biex iwaqqghu il-process, biex kif fil-fatt jirrizulta, l-istorja tghallimna li mbaghad hargu a direct order, lill-kumpanija jisimha CSE li mbaghad issubkontrattjat lill-iSoft li mbaghad issubkontrattjat lil Demajo Group u Demajo Group rebah il-kuntratt flimkien mal-iSoft. So dak li riedu li kont qed nahseb jiena...*

***Il-Qorti :***
*X'inhi din tal-fireplace mela?*

***Xhud:***
*Issa tal-fireplace issa dan jiena ridt nixtri fireplace. Is-Sur Mercieca kellu minn dan il-fireplace u offra li jbieghli l-fireplace...*

***Il-Qorti :***
*Igifieri hu jissupplixxi fost affarijiet ohra il-fireplaces.*

***Xhud:***
*Il-fireplaces. Jiena gibt stima minghandu. Dan il-fireplace kien jikkonsisti fil-hub tal-fireplace propja, cumnija, mutur u l-installation. U taghni stima u jiena ghidtlu this is way too expensive. Infatti xtrajt minghandu il-hub biss, il-heart tal-fireplace, ic-cumnija ghax kien ha jiccargjani hafna izjed gholi ghaliha hadtha minghand xi hadd iehor, il-mutur hadtu minghand xi hadd iehor u l-installation ghamiltha jien personali. Igifieri in other words, ghax naf fejn se tasal il-prosekuzzjoni, igifieri... kieku dan prova jxahham lili ghax taghni l-fireplace, li ma kienx il-kaz ghax jiena hallastu, kieku kont niehu the whole lot stock and barrel. Bl-installation b'kollox. Mhux niehu bicca minnu biex imbaghad nixtri bicca ohra minghand xi hadd iehor...*

***Il-Qorti :***
*U inti meta xtrajt il-heart tal-fireplace, dana hemm prova li thallas?*

***Xhud:***
*Ghandi xi receipt yes, jekk mhux sejjer zball which I can...*

11. Jirrizulta illi l-akkuzat Noel Xuereb ippresenta ċekk fl-ammont ta' Lm2,360 (fol 5441 u fol 5458) illi juri li fl-14 ta' Mejju 2007 huwa hallas ghal-fuq imsemmi *fire place*.

## 7. Konsiderazzjonijiet Legali

1. Jirrizulta, mill-artikoli mahruga fil-konfront ta' l-akkuzati fit-18 ta' Novembru 2011 (fol 5097) kif ukoll l-akkuzi illi bihom kienu tressqu oriġinalment taht arrest fl-24 ta' Jannar 2007, illi r-reati imputabbli liz-zewgt akkuzati kienu prinċipalment is-segwenti:

   a. Korruzzjoni ta' uffiċjali jew impjegat pubbliku a tenur tal-Artikolu 115 u 120 tal-Kodici Kriminali (Kap 9);
   b. Interess privat f'aggudikazzjoni ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku a tenur tal-Artikolu 124 u 126 tal- Kodici Kriminali (Kap 9);
   c. Serq minn uffiċjal jew impjegat pubbliku a tenur tal-Artikolu 127 tal-Kodici Kriminali (Kap 9);
   d. Kxif ta' sigrieti professjonali a tenur tal-Artikolu 257 tal- Kodici Kriminali (Kap 9);
   e. Kxif ta' sigriet uffiċjali a tenur tal-Artikolu 9 tal-Att dwar is-Sigriet Ufficjali (Kap 50)

2. Jkun hawn opportun illi l-Qorti tagħmel ezami legali dwar dawna l-hames akkużi differenti qabel ma tghaddi ghall-parti decizorja taghha.

A. **Korruzzjoni ta' uffiċjali jew impjegat pubbliku a tenur tal-Artikolu 115 u 120 tal-Kodici Kriminali (Kap 9);**

1. L-Artikolu 115 tal-Kap 9 jipprovdi dan li gej:

*115. (1) Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd, jeħel, meta jinsab ħati -*

*(a) jekk l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew tal-offerta, ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jagħmel dak li hu fid dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin;*

*(b) jekk l-iskop ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, għall fatt biss li jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa ħames snin;*

*(c) jekk, barra milli jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l offerta, l-uffiċjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minn sena sa tmien snin.*

2. L-elementi kostituttivi ta' tali reat gew abbilment studjati u spjegati bl-aktar mod erudit u car fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D. fil-kawża fl-ismijiet '**Il-Pulizija [Spettur Raymond Aquilina] vs Adrian Buttigieg Hili**' deċiża fl-24 ta' Settembru 2018 u illi l-Qorti thoss li ghandha ticcita *in extenso* il-hsibijiet ta' dik il-Qorti, stante illi tispjega bl-aktar mod car il-bazi ta' tali reat:

*... ghar-reat ta' korruzzjoni skond il-Professur A. J. Mamo fin-**Notes on Criminal Law** (revised edition 1954-55):*

*"this crime subsists at any rate in it simple form, irrespective of the inherent justice or injustice of the act which the reward was intended to induce the public officer to do. The Justice or injustice of what the public officer does or engages to do in view of the reward or promise or offer or reward, is not an essential ingredient of the crime but only serves as a criterion to distinguish one form of the crime from another for the purpose of punishment."*

*Fis-sentenza deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminali fil-25 ta' Lulju 1986 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri, Andrew Schembri, Carmel sive Charles Gauci u Paul Galea** nghad is-segwenti:*

*"In propositu huwa rilevanti hafna l-Artikolu 114 (illum 115) stante li dan jistabilixxi diversi gradi ta' piena bazata fuq kriterji relattivi ghall-iskop u l-effetti ta l-att kostitwenti l-korruzzjoni, fis-sens li l-ligi tiddistingwi principlament bejn il-kaz fejn l-iskop tar-rigal ikun sabiex l-ufficcjal jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel; u l-kaz fejn l-*

> *iskop ikun sabiex ma jaghmilx dak li hu fid-dmiru – fit-tieni kaz, jekk l-ufficjal 'fil-fatt' jonqos li jaghmel dak li kien fid - dmir li jaghmel."*

*Din il-Qorti kompliet tghid ukoll illi:*

> *".... u huwa immaterjali - ghal finijiiet tar-responsabilita' li nonostante dan il-vantagg l-impjegat xorta wahda ghamel dmiru. Ghax ir-reat odjern almenu fil-limiti tal paragrafu (b) tal-Artikolu 114 (illum 115 (b)) huwa kkonsmat mal-accettazzjoni tal-offerta u mhux mal effetto ta' din fuq l-ezercizz ju tal-funzjonijiet tal-impjegat."*

*Illi l-elementi tar-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku huma deskritti f'diversi sentenzi fosthom fis-sentenza* ***Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar et*** *(deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Lulju 1982) fejn gew deskritti hekk:*

1. *Illi l-hati jrid ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku.*

2. *L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta' ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd.*

3. *L-azzjoni ta' l-ufficcjal jew impjegat pubbliku li jaccetta r-rigal, weghda jew offerta trid tkun in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu.*

4. *Ghal fini li l-impjegat jew ufficcjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel. Jinghad bla tlaqliq li dawn l-erba' elementi jridu jikkonkorru kollha fl-istess hin sabiex jista' jinghad li r-reat gie pruvat.*

**1. Illi l-hati jrid ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku**

*Dan hu l-ewwel element essenzjali ghall-ezistenza ta' dan ir-reat. Il-kliem tal-ligi huwa wieghsa u jinkludi fih kull ufficcjal u mpjegat tal-Gvern. Fis-sentenza* ***Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar et*** *(deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Lulju 1982) il-Qorti rriteniet li:*

> *" ...jirrizulta mill-provi li l-imputati George Vassallo u Carmelo Mifsud huma impjegati tal-Gvern u t-tnejn jaqghu taht id-definizzjoni ta' impjegat pubbliku..".*

*Il-ligi espressament tirrikjedi li din il-persuna tkun ufficcjal pubbliku jew impjegat pubbliku, u ghalhekk huwa eskluz kull min ma jkollux din il-kariga.*

**Cheveu Helie** *fil-fatt jghid li:*

> *"min jikkommetti reat bhal dan ikun qed jittradici mhux biss id-doveri partikolari ta' l-ufficcju tieghu izda anke jittradixxi l-interess tal-komunita' li giet fdata bis-sistema gudizzjarja nnifissha" .*

***2. L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd***

*It-tieni element huwa l-accettazzjoni ghalih jew ghal haddiehor ta' renumerazzjoni jew promessa jew offerta ta' renumerazzjoni li mhix dovuta lilu b'ligi. Huwa essenzjali li l-korruzzjoni ghandha tiehu l-forma ta' accettazzjoni ta' xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor irrispettivament mill-valur jew sura taghha. Hafna drabi l-korruzzjoni kienet tikkonsisti f'accettazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet ta' valur pero l-accettazzjoni ta' weghda hija bizzejjed. M'hemmx ghalfejn li l-valur jigi kwantifikat. Hawnwhekk terga' ssir referenza ghas-sentenza fuq citata* ***Il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri et.*** *fejn inghad li:-*

> *"It-tieni estrem tar-reat odjern jirrikjedi li l-impjegat pubbliku ikun ircieva jew accetta xi rigal jew vantagg jew utilita. F'dan ir-rigward, Il-Qorti tosserva li l lokuzzjoni adoperata mil-ligi hija tali li tirrikjedi fiha kull haga li tista' tkun ta' vantagg ghal persuna li tkun giet korrotta, u ghalhekk mhux necessarju li dan il-vantagg ikun jikkonsisti fi flus. Dak li hu essenzjali hu li l-oggett ikun ta' beneficcju ghalih, ghax f'dan il-kaz hemm l-inkoraggjament f'din il-persuna li titradixxi l-fiducja moghtija lilha mis-socjeta' billi tkun qieghda taghmel ghal vantagg taghha dak li suppost qed taghmel minghajr hlas."*

*B'dan pero' illi jrid ikun hemm almenu weghda ta' flus jew ta' xi vantagg iehor ikun x'ikun. Jekk l-ufficjal pubbliku jew impejgat pubbliku jcedi ghal solicitazzjoni jew pressjoni minghajr ma jkun hemm tali weghda l-att tieghu ma jammontax ghal att ta' korruzzjoni. Ghalkemm tali agir jista' jkun illegali zgur li pero' ma jikkwalifikax ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi jrid jinghad ukoll illi minn kliem il-ligi stess mhux necessarju li r-rigal, weghda jew offerta jsir lejn l-ufficjal pubbliku personalment jew li tigi accettata personalment minnu.*

***3. L-azzjoni ta' l-ufficcjal jew impjegat pubbliku li jaccetta r-rigal, weghda jew offerta trid tkun inkonnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu***

*Dan it-tielet element kontemplat fir-reat skond l-Artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta hi dik li l-accettazjoni tar-renumerazjoni jew il-weghda jew l-offerta hi maghmula mill-ufficjal pubbliku inkonnessjoni mal-ufficcju tieghu jew l-impjieg tieghu. Dan ifisser li dan kollu ghandu jaqa' fil-parametri tal-funzjonijiet tieghu. Ghalhekk jekk l-att m'ghandux x'jaqsam mal-funzjonijiet tieghu ta' ufficcjal pubbliku u cioe' li m'ghandux dritt jaghmel dak l-att skont l-impjieg tieghu xorta jibqa' att ta' ufficcjal pubbliku pero' mhux wiehed li jaqa' fil-parametri ta' dan ir-reat. Trid tkun haga li fuqha l-ufficcjal pubbliku ghandu kontroll immedjat jew fir-rigward ta' haga li hu biss jista' jaghmel.*

*Fis-sentenza gja kkwotata* ***Il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri*** *il-Qorti rriteniet li:-*

*"It-tielet ingredjent jesigi li dan il-vantagg jigi accettat in konnessjoni mal-kariga jew l-impieg tal-persuna korrotta. In subjecta materja, il-qorti jidhrilha opportun li jigi osservat il-lokuzzjoni xejn ristretta adoperata mill -ligi. Kull ma hu necessarju hu li l-att in kwistjoni, relattiv ghal vantagg offert, ikun konness mal-funzjonijiet tal-impjegat, izda b'mod li jidhol fl-ambitu tal-funzjonijiet tieghu, ghax huwa unikament f'dan il-kaz li jista' jigi pregudikat l-interess generali. Fi kliem iehor l-att intiz irid ikun, 'an act of his office'."*

*Fil-fatt il-Professur Mamo jikkonferma billi jghid:-*

> *"it seems however sufficient if the act be one in respect of which the officer concerned could only by reason of his office give any directions or make any arrangements whatever, or in any manner influence the decision thereon".*

*Is-sentenza tal-Appell imbaghad tkompli tghid li:*

> *"Il-Qorti taqbel perfettament din l-interpretazzjoni tal-ligi, stante li hi konformi u tinkwadra pjenament mar-rationale taghha cioe' dak li tassigura li l-esercizzju tal-funzjonijiet da parti tal-impjegati ikun 'rite et recte' f'kull kaz ..... mhux necessarju li l-att tkun tali li jaqa' direttament fl-ambitu tal-funzjonijiet tieghu – imma huwa sufficjenti li jkun tali li, l-impjegat ikun jista' jaghmel fl-esercizzju tax-xoghol tieghu."*

*Ghalhekk, sabiex jissussisti dan ir-reat ta' korruzzjoni hemm bzonn li jigi stabbilit ness bejn l-accettazzjoni ta' flus jew utli iehor u l-ezercizzju tal-kariga jew impjieg pubbliku.*

*F'sentenza moghtija ricentement fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Giuseppe Maria Cini*** *(deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu 2012) il-Qorti kienet hasset illi ma kienx hemm l-accettazjoni tal-parti l-ohra u lanqas ma kien hemm xi forma ta' ftehim sabiex l-appellant jaghmel dak li ma messux jaghmel jew li huwa fid-dover li jaghmel u ghalhekk dan ir-reat kif dispost fl-Artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jissussistix. Din il-Qorti tghid li l-fatti huma simili ghall-kaz in desamina u dan ghaliex ma jirrizultax li effettivament l-imputat qatt talab ghal xi rigali, jew addirittura qatt ma wieghed li ser jaghmel xi haga ghal xi forma ta' retribuzzjoni. Jirrizulta biss sic et simpliciter li l-imputat ircieva rigali taht l-ebda pretest salv li kienu rigali ghal xi okkazjoni partikolari. Tant hu hekk illi meta Roderick Stabile gie mwaqqaf mill-Armata ghaliex kien qieghed fuq il-bahar jikkaccja b'mod illegali, u dan cempel lill-imputat sabiex jiehu sodisfazzjoni, l-imputat qallu illi huwa ma kellux kontroll fuq l-armata. Li kieku l-imputat kien qed jaghmel dak l-att jew favur specifikatament ghal xi forma ta' retribuzzjoni, li kieku kien jassigura illi fil-post fejn kien ser ikun il-persuna favoreggjata, ma kien ikun hemm hadd sabiex iwaqqfu.*

***4. Ghal fini li l-impjegat jew ufficcjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel***

*Illi ghalhekk minnufih jigi rilevat li l-offerta jrid ikollha l-iskop li tinduci lill-ufficjal pubbliku li jaghmel haga li m'ghandux x'jaghmel. Fl-ewwel ipotesi, meta l-ufficcjal pubbliku jaghmel id-dover tieghu in kontro kambju ghal xi vantagg il-Professur Mamo jghid:*

> *"..the law wants to protect the integrity of the public service and the prestige of the judiciary which are harmed in the esteem which they should enjoy by any improper reward received even though it is not intended to injure materially the interests of the individual or the interest of Justice."*

*It-tieni ipotesi hija meta r-rigal jew kull haga li tinghata lill-ufficcjal pubbliku sabiex jehel milli jaghmel id-dover tieghu l-Professur Mamo jghid:*

> *"that there is in addition to the injury to the good name of the service also the danger of actual injury to the right of the individuals or of justice and the law takes account of this for the purpose of aggravating the punishment."*

*Infatti fis-sentenza fl-ismijiet* **Il-Pulizija vs Alfred Demicoli** *l-Qorti irriteniet:*

> *"b'referenza ghar-raba' element ghandu jigi stabbilit jekk l-ufficjal pubbliku hax il-flus bl-iskop jew li jaghmel dak li huwa fid-dover li jaghmel jew li jonqos li jaghmel dak li hu fid-dover li jaghmel. Id-differenza fil-prattika tirrigwarda l-piena li ghandha tigi applikata."*

*Interessanti dak li qalet il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet* **Il-Pulizija vs David Gatt** *(deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu 2012), taht il-ligi taghna:*

> *"sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel (enfasi tal - Qorti) il-kommissjoni ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku wara li dan ta' l-ahhar ikun qeda d-dover tieghu. Il-Professur Mamo jghallem li 'as Section 114(a) and (b) (illum 115(a) u (b)) are worked, it seems that there can be the crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done."*

*Ghaldaqstant huwa car illi taht il-ligi Maltija, sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel il-kommissjoni tal-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficcjal pubbliku.*

*Illi ghalhekk huwa biss meta l-ftehim bejn l-ufficcjal pubbliku u l-korruttur jigi msarraf f'dak miftiehem li r-reat ta' korruzzjoni jkun kunsmat. Illi ghalhek hareg car li l-elementi essenzjali ta' dan ir-reat ta' korruzzjoni ma gewx ippruvati ghaliex fil-mument tal-fatt attribwit lill-imputat la kien hemm weghda u l-anqas offerta mill-ebda parti nvoluta u ghalhekk jidher b'mod car illi l-ebda wahda mill-elementi essenjali ta' dan ir-reat ma tissussisti.*

3. Jirrizulta, għalhekk, illi sabiex tali offiża tissussisti irid jiġi ppruvat li gie offrut jew imwieghed minn terzi rigal lill uffiċjal pubbliku

**B. Interess privat f'aggudikazzjoni ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku a tenur tal-Artikolu 124 u 126 tal- Kodici Kriminali (Kap 9);**

1. Jirrizulta illi l-Artikolu 124 tal-Kap 9 jipprovdi dan li gej:

   *Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, bid-dieher jew bil-moħbi jew bil-mezz ta' persuna oħra, jieħu interess privat f'aġġudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni, sewwa jekk ikollu għal kollox jew f'parti t-triġija jew is-sorveljanza tagħhom, kif ukoll jekk kellu din it-triġija jew sorveljanza fiż-żmien li l-aġġudikazzjoni, l-appalt, jew l-amministrazzjoni nbdew, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa sitt xhur, u l-interdizzjoni perpetwa tal-kariga jew impieg tiegħu pubbliku.*

2. Jirrizulta illi, bhala aggravju propost mill-Prosekuzzjoni, l-Artikolu 126 tal-istess Kap 9 jkompli jgħid dan li gej:

   *Kemm-il darba, fil-każijiet imsemmija fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, tkun ukoll saret ħsara b'qerq lill-amministrazzjoni illi magħha l-affari jkollha x'taqsam, il-piena tkun ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa tliet snin, bl-interdizzjoni stabbilita f'dawk l-artikoli.*

3. Jirrizulta illi dwar l-elementi ta' tali reat, ikun opportun illi ssir referenza ghall-sentenza ohra studjata u erudita tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Magistrat (illum Imhallef) Edwina Grima, fil-kawża fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Philip Azzopardi**', deċiża fit-28 ta' Ottubru 2009, fejn dwar ir-reat fuq ikkontemplat kellha dan xi tgħid:

   *Illi l-intenzjoni tal-legislatur, meta fassal dina iddisposizzjoni tal-ligi kien wiehed u cioe' illi ikun hemm sanzjonijiet penali ghal impjegat pubbliku li jabbuza mill-kariga li jokkupa u dana ghall-interess privat tieghu. Illi qabel xejn ghandu jinghad illi dina id-disposizzjoni tal-ligi flimkien ma'l-artikoli l-ohra li jaqghu taht l-istess titolu gew trasportati kwazi kelma b'kelma fil-ligi taghna milli Kodici Franciz u cioe' il-"**Code Napoleon**" ta' l-1810 u minn 'l hekk imsejjah **Codice Penali Per il Regno delle Due Sicilie** ta' l-1819. Jidher illi din id-disposizzjoni tal-ligi baqghet prattikament l-istess u ma inbiddlet kwazi xejn mat-trapass taz-zmien. Fil-fatt jekk wiehed jaqra dina iddisposizzjoni tal-ligi fil-Kodici Kriminali originali taghna, l-artikolu 115 kien jaqra hekk:*

   > *"ogni ufficiale od impiegato pubblico, che, o apertamente o con atti simulati o con interposizione di persona, prendesse un interesse privato nelle aggiudicazioni, appalti o nelle amministrazioni, sia che egli ne avesse in tutto o in parte la direzione o la vigilanza, sia che l'avesse avuta nel tempo in cui tali aggiudicazioni, appalti od amministrazioni*

> *fossero cominciate, sara' punito colla prigionia da uno a sei mesi, e colla interdizione perpetua del suo officio od impiego pubblico."*

*Illi fil-kummenti maghmula mil-gurista Santo Roberti ghal* ***Codice Penale delle Due Sicilie****, huwa jispjega bl-aktar mod car x'kienet l-intenzjoni tal-legislatur meta giet ippromulgata dina d-disposizzjoni tal-ligi:*

> *"La situazione speciale dei pubblici impiegati di qualunque grado o qualita esige che'essi tante volte si astengano dal far cio' che forse sarebbe permesso ad altre persone."*

*Ikompli ighid illi l-ufficjal pubbliku li ikun qed jokkupa il-kariga tieghu minhabba il-fiducja moghtija lilu mil-Gvern u ghalhekk anke mis-socjeta, irid izomm ruhu 'il boghod minn kwalsiasi tip ta' azzjoni li tista' twassal ghal xi suspett jew biza li huwa ikun ikkometta xi tip ta' frodi bi hsara ghall-istess socjeta.*

*Sahanistra fid-Dritt Ruman insibu illi r-Rumani tant kienu severi illi kien ipprojbit ghal ufficjal pubbliku illi jiehu sehem fi kwalunkwe tip ta' negozju, f'xi spekulazzjoni jew li jippartecipa fil-kummerc.*

*Illi il-Giuseppi Falzon fin-noti tieghu '****Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze****" (1872) jispjega b'mod dettaljat x'iinhuma l-elementi kostitutivi ta' dana ir-reat meta ighid"*

> *"Gli elementi di questo reato sorgono chiaramente dai termini coi quali sono concepiti i detti articoli. Per questo reato egli e' necessario che si dichiari dal giuri':*
>
> *1. che l'accusato sia ufficiale od impiegato pubblico;*
>
> *2. che abbia preso un interesse privato nelle aggiudicazioni, negli appalti o nelle amministrazioni, od in un affare in cui egli fosse incaricato di dare ordini, di fare liquidazioni, di disporre o di fare alcun pagamento;*
>
> *3. che lo ufficiale od impiegato abbia od abbia avuto la direzione o la vigilanza, nel tempo in cui le aggiudicazioni, gli appalti o le amministrazioni fossero cominciate e;*
>
> *4. che gli atti commessi avuto luogo fraudolentemente.*

***1. L-ufficjal pubbliku.***

*Illi il-persuna akkuzata fil-kummissjoni ta' dana ir-reat, necessarjament irid ikun ufficjal jew impjegat pubbliku. Jekk hu nieqes dana l-element, allura ma hemmx dana irreat – reat li jikkonsisti fl-abbuz tal-funzjonijiet pubblici. Il Luigi Maino fil-kummenti tieghu ghal din id-disposizzjoni tal-ligi (li fil-*

*Codice Zanardelli tal-1889 u sussegwentement fil-Codice Rocco ta'l-1930 kienet simili ghall-artikolu 124 tal-ligi taghna) fil-fatt ighid illi dina iddisposizzjoni tal-ligi*

> *"prevede e punisce i pubblici ufficiali colpevoli di quei traffici indecorosi dove il loro interesse privato viene in conflitto con l'interesse pubblico. ... A costituire il delitto in esame e' necessario che l'agente sia pubblico ufficiale ed eserciti il proprio ufficio presso la pubblica amministrazione interessata nell'atto nel quale egli prenda un interesse privato, qualunque sia l'entita' di questo."*

*Il-Manzini fil-kummenti tieghu ghal Codice Rocco ta' l-1930 ighid:*

> *"Soggetto attivo del delitto puo' essere esclusivamente il pubblico ufficiale. ..."*

***2. L-interess privat***

*Illi l-ligi taghna tispecifika illi l-ufficjal pubbliku irid ikun ha xi interess privat kemm bid-dieher, kif ukoll bil-mohbi, jew permezz ta' persuna ohra f'aggudikjazzjoni, appalt jew amministrazzjoni. Illi minn imkien fil-ligi taghna ma insibu definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi dana l-interess privat. Il Falzon ighid:*

> *"Codesta ingerenza d'interesse privato, per dar luogo al reato, e' indifferente in quale modo abbia avuto luogo. E' vietato il prendere questo interesse sia apertamente sia per atti simulati, sia per interposizione di persona. Sotto la denominazone di atti simulati non s'intendono i soli atti scritti; la parola atti in questo articolo significa tutto cio' che si e' fatto, detto o convenuto."*

*Illi l-Manzini jiddeskrivi dana l-element ta'l-interess privat bhala "l-elemento materiale del delitto" Huwa isostni :*

> *"prende interesse privato nei detti atti il pubblico ufficiale, che in relazione ad essi compie un fatto d'ingerenza qualsiasi per un illecito fine privato qualunque, a vantaggio proprio o altrui. Prendere interesse privato non equivale a ricavare utilita' privata, ma semplicemente ad interessarsi dell'atto o nell'atto, nel momento della sua proposizione, deliberazione, ratificazione, modificazione, revoca, annullamento, esecuzione, ecc, in vista d'una illecita finalita' privata qualunque."*

*Ikompli*

> *"Non e' necessaria la sussistenza di un nesso particolare fra l'atto della pubblica amministrazione e l'ingerenza illecita. Ne' occorre che il fine privato, che il pubblico ufficiale consegue o cerca di*

*raggungiere, sia assolutamente in conflitto con l'interesse pubblico; basta soltanto che sia incompatibile funzionalmente; ....*"

*Ghalhekk sabiex ir-reat ikun wiehed ikkunsmat*

*"basta che il pubblico ufficiale si interessi per un fine privato di un affare o in un affare del suo ufficio. ... Il delitto si consuma col primo atto di quell'interessamento, e non si richiede ne' la produzione di un danno economico per la pubblica amministrazione, ne il conseguimento d'un lucro o d'altro vantanggio da parte del colpevole o di altri; e' sufficiente il pericolo funzionale derivante dalla violazione del dovere d'ufficio."*

*Lanqas ghalhekk ma huwa importanti l-qliegh ahhari li ikun ser jaghmel jew ikun ghamel l-ufficjal pubbliku sabiex jisussissti dana ir-reat.*

*Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ighid*

*"If the public officer or servant has taken a private interest the value or amount of such interest is immaterial for the subsistence of the crime."*

*Dana ghaliex kif tajjeb jispjega il-Manzini:*

*"per l'imputabilita' dell'esaminato delitto e' necessario il dolo, cioe' la volonta libera e cosciente e l'intenzione di compiere il fatto d'interessamento privato in relazione a un atto della pubblica amministrazione presso la quale il pubblico ufficiale esercita il proprio ufficio. ... Il fine e il motivo particolare del colpevole sono indifferenti: siano essi di lucro, di ambizione, di amicizia, ecc' siano ignobili o no, riguardino la persona del colpevole o un terzo ecc."*

*Dana ghaliex ir-reat jimmaterjalizza ruhu hekk kif l-ufficjal pubbliku jiehu dana l-interess privat f'xi att li jaqa' filmanzjonijiet tieghu u dana ghal kawlunkwe fini illecita.*

*Illi ghalhekk l-ufficjal pubbliku illi jippartecipa jew jiehu sehem f'negozji jew xi skambju iehor li huwa inkompattibbli mal-kariga minnu okkupata isir hati talkummissjoni ta' dana ir-reat. Dana minnu innifsu jimplika illi l-ghan ahhari ta'l-ufficjal pubbliku huwa wiehed illecitu anke jekk dina l-azzjoni tieghu mhux necessarjament iggib xi forma ta' hsara materjali ghall-amministrazjoni pubblika. Kif ighid tajjeb il-Carrara:*

*" nello stesso abuso di ufficio che non si estrinseca in un'azione gia di per se criminosa, tutta la oggettivita giuridica del reato si incontra nella violazione dello speciale dovere che all'ufficiale imponeva l'ufficio, e cosi' in un rapporto esclusivamente personale fra l'impiegato e la societa'."*

***3. L-interess privat f'aggudikazjoni, appalt jew amministrazzjoni.***

*Illi l-ligi taghna kif imfassla fuq il-Codice delle Due Sicilie u il-Code Napoleon, tippreciza illi l-interess privat irid ikun sehh f'xi att ta' aggudikazzjoni, appalt jew amministrazzjoni. Illi il-ligi penali Taljana kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll sussegwentement fil Codice Rocco ma baqghetx tispecifika l-att li fih l-ufficjal pubbliku ikun ha dana l-interess privat fejn id-dispost tal-ligi gie jaqra:*

> *'Il pubblico ufficiale, che, direttamente o per interposta persona, o con atti simulati, prende un interesse privato in qualsiasi atto della pubblica amministrazione presso la quale esercita il proprio ufficio, e' punito con la reclusione ..."*

*Il-ligi taghna madanakollu hija wahda aktar ristrettiva, izda ma tispecifikax x'inhuma dawn l-atti ta' aggudikazzjoni, appalt jew amministrazzjoni. Illi l-gurisprudenza taljana interpretat dawna l-atti bis-segwenti ezempji li forsi jistghu iwasslu sabiex wiehed jifhem fejn ried jasal il-legislatur meta giet promulgata dina iddisposizzjoni tal-ligi bosta snin ilu:*

> *"Commette il reato qui preveduto l'usciere che per interposta persona concorre all'asta dei mobile pignorati procedendo alla vendita di parecchi di essi in conferma e per un prezzo molto inferiore alla stima, Cass.14 gennaio 1891.*

> *"L'esattore che per interposta persona licita od aviene aggiudicatore di beni da lui fatti porre all'asta, per imposte non sodisfatte ... Cass.10. settembre.*

> *"Neanche I semplici consiglieri comunali possono prendere un interesse privato qualunque nelle aggiudicazioni e negli appalti, o in altro atto qualunque della pubblica amministrazione – Cass.12 febbraio 1890."*

*Ukoll il-Falzon jispjega fin-noti tieghu:*

> *" Consiste il terzo elemento del reato nella circostanza di fatto che l'ufficiale abbia preso un interesse private in un'aggiudicazione, in un appalto od in una amministrazione della direzione di che egli fosse stato incaricato e su cui avesse dovuto esercitare vigilianza; ed in questa funzione di vigilanza e di direzione il reato attinge la sua immoralita' ed il tradimento ed abuso di confidenza."*

## ***4. L-animus frawdolenti***

*Illi fl-ahharnett huwa necessarju sabiex jissussisti dana irreat illi l-intenzjoni ta' l-ufficjal pubbliku ikun wiehed frawdolenti. Il-Falzon ighid:*

> *"Quantunque quest'ultimo elemento non sia indicato nel testo della legge in termini espresso, pure e' certo che mancando questa intenzione*

*criminosa, senza la quale un reato di commissione non potrebbe esistere, codesta legge non e' applicabile. Egli e' chiaro che dal fatto istesso proibito si presume l'animo fraudolente; ma questa e' una presunzione, la quale deve cedere alla verita, e l'ufficiale puo' benissimo provare la propria buona fede e la purezza della sua intenzione."*

*Dina l-ahhar element kostituttiv ta' dana ir-reat hija intrinsikament marbuta mat-tieni element u cioe' ma' lelement tal-interess privat kif definit iktar 'il fuq – interess privat li irid ikollu fini illeċita.*

4. Jirrizulta, għalhekk, illi biex tali reat jissussiti l-Prosekuzzjoni trid tipprova illi l-ufficjal pubbliku akkużat kellu interess privat u aġixxa b'mod fraudolenti sabiex jaghmel vantaġġ privat.

**C. Serq minn uffiċjal jew impjegat pubbliku a tenur tal-Artikolu 127 tal- Kodici Kriminali (Kap 9);**

1. Jirrizulta illi l-Artikolu 127 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

*(1) Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entità oħra, jagħmel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi jkunu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, jew jisraqhom, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa sitt snin, u l-interdizzjoni ġenerali perpetwa.*

*(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom, mutatis mutandis, jgħoddu wkoll għal u fir-rigward ta' kull impjegat jew persuna oħra meta dawn ikunu qed jaġixxu jew jaħdmu f'xi kariga għal jew f'isem persuna naturali jew ġuridika li tkun topera fis settur privat li xjentement, matul l-attivitajiet tagħhom ta' negozju, direttament jew permezz ta' intermedjarju u bi ksur tad-dmirijiet*

2. Jirrizulta illi l-Professur Mamo, fin-noti tiegħu, kellu dan xi jgħid dwar tali reat:

*"Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust resposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawully or his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain."*

*"Embezzlement is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently substituted by the unlawlul 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion."*

3. Jirrizulta illi kif intqal mill-Qorti Kriminal (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Alexander Zammit**' deċiża fit 13 ta' Marzu 1998 per Imhallef Victor Caruana Colombo

   *"Wiehed mill-elementi tar-reat ta` storn [Art. 127 - Kodici Kriminali] huwa li l-oggetti in kwistjoni jkunu gew fdati lill-individwu minhabba il-kariga jew impieg tieghu. Kjarament, jew ikun hemm dan l-affidament ta` l-oggetti, jew inkella jkun hemm it-tehid taghhom "invito domino" li hu element tas-serq. Wiehed minn dawn l-elementi ovvjament jeskludi lill-iehor relativament ghall-istess fatt."*

4. Jirrizulta, finalment, illi kif intqal fil-kaz **Il-Pulizija vs Carmel Saliba** deciz nhar il-31 ta' Mejju 2012, fejn il-Qorti osservat is-segwenti:

   *Illi fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 127, il-Qorti ser tapplika l-istess argumentazzjoni. Hawnhekk id-dolo mehtieg ukoll isarraf fil-fatt illi l-ufficjal pubbliku japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b'abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa.*

5. Jirrizulta, għalhekk, illi biex tali reat jissussiti l-Prosekuzzjoni trid tipprova illi l-ufficjal pubbliku akkużat seraq xi oġġetti lilu fdati sabiex jaghti profitt.

## D. Kxif ta' sigrieti professjonali a tenur tal-Artikolu 257 tal-Kodici Kriminali (Kap 9);

1. Jirrizulta illi l-Artikolu 257 tal-Kap 9 jipprovdi dan li gej:

   *Kull min, minħabba l-istat, professjoni jew kariga tiegħu, ikun sar id-depożitarju ta' sigriet li jkun ġie fdat lilu, jikxef dan is-sigriet, ħlief fil-każijiet li fihom il-liġi tobbligah igħarrafhom lil awtorità pubblika, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn sitta u erbgħin elf ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (46,587.47) jew ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien:*

2. Jirrizulta illi tali akkuza hija meqjusa, fil-Kodici Kriminali, bhala reat 'kontra l-persuna' stante illi jidher fit-Titolu VIII tal-Kap 9 intiotlat FUQ ID-DELITTI KONTRA L-PERSUNA, a differenza ta' reat simili, izda indikat taht it-titolu ta' "FUQ ABBUŻI TA' AWTORITÀ, U FUQ KSUR TA' DMIRIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA' KARIGA PUBBLIKA' , ossija dak ikkontemplat fl-Artikolu 133 tal-Kap 9, fejn jinghad illi:

   *Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jikkomunika jew jippubblika dokument jew fatt li jkun ġie fdat lilu jew li jkun ġie magħruf minnu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, u illi għandu jibqa' sigriet, jew illi b'xi mod igħin biex jiġi magħruf, meta l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi fih innifsu delitt aktar gravi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena jew il-multa.*

3. Jidher illi, fil-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni ghazlet illi takkuza lill-akkuzati b'reati 'kontra l-persuna' a tenur tal-Artikolu 257 flok b'reati 'b'abbuz ta' awtorita', a tenur tal-Artikolu 133.

4. Jirrizulta illi, filwaqt li l-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jipprovdi ebda definizzjoni ta' x'inhu "*sigriet*", l-Artikolu 3 tal-Att Dwar Segretezza Professjonali (Kap 377), liema artikolu huwa deskritt bhala "***Tifsir tal-artikolu 257 tal-Kodici Kriminali***", jaghti s-segwenti definizzjoni:

> *(1) Dawk il-persuni li, minħabba fl-istat, professjoni jew kariga tagħhom, jidħlu fl-ambitu tal-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminal, jinkludu dawn li ġejjin: membri ta' professjoni regolata mill-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, avukati, nutara, prokuraturi legali, ħaddiema soċjali, psikologi, accountants, udituri, impjegati u uffiċjali ta' istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu, trustees, uffiċjali ta' kumpannija nominee, jew ta' nominee liċenzjata, persuni li jkollhom liċenza biex jipprovdu servizzi ta' investiment taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investimenti, stockbrokers li jkollhom liċenza taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, assiguraturi, aġenti tal-assigurazzjoni, managers tal-assigurazzjoni, brokers fl-assigurazzjoni u sotto-aġenti fl-assigurazzjoni, uffiċjali u impjegati tal-Istat.*
>
> *(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 10, persuna tibqa' suġġetta għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali anke wara li hi tkun waqfet teżerċita dak l-istat jew dik il-professjoni relevanti jew milli tibqa' f'dik il-kariga relevanti.*
>
> *(3) Kull referenza f'liġijiet oħra għal "id-dmir ta' segretezza professjonali", jew espressjonijiet simili, għandhom minn issa 'l quddiem jiġu interpretati, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor, bħala referenza għad-dmir impost bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminal biex ma jikxifx sigriet li jkun jaqa' taħt dak l-artikolu.*

5. Jirrizulta illi fl-Artikolu 2 (2) tal-Kap 377, jinghad is-segwenti:

> *Referenzi f'dan l-Att għal uffiċjali jew impjegati tal-Istat jew għal persuni mpjegati mill-Istat jinkludu referenzi għal:*
>
> *(a) impjegati tal-Gvern ta' Malta;*
> *(b) impjegati ta' korp kostitwit imwaqqaf b'liġi;*
> *(ċ) kull persuna, kemm jekk individwu, u kemm jekk le u sew jekk tkun korp magħqud jew le, li tagħmilha ta' konsulenti jew tkun f'kapaċità kontrattwali oħra simili bħal dik mal-Gvern ta' Malta jew ma' korp kostitwit imwaqqaf b'liġi; jew*
> *(d) kull persuna, kemm jekk tkun individwu kemm jekk le sew jekk tkun korp magħqud jew le, li twettaq funzjonijiet ta' uffiċjal jew rappreżentant tal-Gvern ta' Malta jew ta' korp kostitwit imwaqqaf b'liġi.*

6. Jirrizulta illi, a tenur tal-Artikolu 7 ta' l-istess Att 377,

*7. (1) Kemm-il darba min ikun fada t-tagħrif sigriet ma jgħidx li għandu jsir mod ieħor, huwa għandu jitqies li jkun awtorizza l-komunikazzjoni tat-tagħrif sigriet lill-impjegati, soċji u assistenti tal-persuna li lilha jkun ġie afdat it-tagħrif, jew lil xi persuna oħra li tidħol fl-ambitu tal-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminal, meta din il-komunikazzjoni tkun meħtieġa għat-twettiq ta' servizzi mitluba minn min ikun fada t-tagħrif.*

7. Jirrizulta illi fil-kaz deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Novembru 2018 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Ryan Borg**' per Imhallef Consuelo Scerri Herrera, il-Qorti kellha dan xi tghid dwar reat imputabbli that tali artikolu:

   *Illi minn esami ta din id-disposizjoni tal-ligi jirrizulta li is-suggett ta' dan ir-reat jista jkun 'kull persuna' kuntrarjament ghal dak li jiddisponi l-artikolu 133 tal-Kap 9 li japplika biss ghal min hu uffiċjal jew impjegat pubbliku'. Konsegwentement mhemmx dubbju li tali disposizjoni tal-ligi japplika ghall-appellant odjern.*

   *Pero' l-prosekuzzjoni trid tipprova diversi elementi sabiex dak li jkun jista' jinsab hati ta' dan ir-reat. Fl-ewwel lok trid tipprova li l-imputat illun appellant sar depositarju ta' sigriet minhabba il-kariga tieghu u li hu kixef dan is-sigriet u dan f'cirostanzi fejn il-ligi ma obbligatux igharraf lil xi awtorita' pubblika.*

   *Konsegwentement kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti l-prosekuzzjoni trid tipprova:*

   *1. Li l-appellant sar depositarju ta' sigriet.*

   *2. Li s-sigriet gie fdat lilu minhabba l-kariga tieghu f'dan il-kaz ta' senior executive mal-Malta Enterprise u*

   *3. Li l-appellant kixef dan is-sigriet lil terz li ma kienx jaf bih.*

   *Jinghad li l-prosekuzzjoni trid tipprova it-tlett elementi f'daqqa u jekk wiehed minnhom ikun nieqes ifisser li ma pprovatx ir-reat.*

8. Jirrizulta, għalhekk, illi biex tali reat jissussiti l-Prosekuzzjoni trid tipprova illi l-ufficjal pubbliku akkużat kien a konoxxenza ta' sigriet, liema sigriet huwa kixef lill terzi kontra l-ligi.

## E. Kxif ta' sigriet uffiċjali a tenur tal-Artikolu 9 tal-Att dwar is-Sigriet Ufficjali (Kap 50)

1. Jirrizulta illi l-Artikolu 9 tal-Att Dwar is-Sigriet Ufficjali (Kap 50), jipprovdi dan li gej:

*(1) Persuna li tkun jew li kienet funzjonarju pubbliku jew kuntrattat mill-Gvern tkun ħatja ta' reat jekk hija tikxef mingħajr awtorità leġittima xi informazzjoni, dokument jew oġġett ieħor li dan l-artikolu japplika għalihom u li jkun jew li kien għandha minħabba fil-kariga tagħha bħala tali.*

*(2) Dan l-artikolu japplika għal kull informazzjoni, dokument jew oġġett ieħor -*

*(a) li l-kxif tagħhom –*

*(i) jirriżulta fl-egħmil ta' reat; jew*

*(ii) jiffaċilita ħarba minn kustodja legali jew l-egħmil ta' xi att bi preġudizzju għas-salvagwardja ta' persuni li jkunu qed jinżammu f'kustodja legali; jew*

*(iii) jimpedixxi l-prevenzjoni jew il-kxif ta' reati jew il-qbid jew il-prosekuzzjoni ta' persuni suspetti; jew*

*(b) li jkunu tali li l-kxif mhux awtorizzat tagħhom x'aktarx ikollu xi wieħed minn dawk l-effetti.*

2. Jirrizulta wkoll illi, a tenur tal-Artikolu 10 ta' l-istess Kap 50,

*(1) Is-subartikolu (2) japplika meta -*

*(a) xi informazzjoni, dokument jew oġġett ieħor protetti kontra l-kxif bid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att ikunu ġew fil-pussess ta' persuni billi jkunu –*

*(i) mikxufin (sew lilu sew lil xi ħadd ieħor) minn funzjonarju pubbliku jew kuntrattat mill-Gvern mingħajr ebda awtorità leġittima; jew*

*(ii) fdati lilu minn funzjonarju pubbliku jew kuntrattat mill-Gvern b'patti li jeħtieġu li dawn jibqgħu konfidenzjali jew f'ċirkostanzi li fihom il-funzjonarju pubbliku jew kuntrattat mill-Gvern jistgħu b'mod raġonevoli hekk jippretendu li se jinżammu; jew*

*(iii) mikxufin (sew lilu sew lil xi ħadd ieħor) mingħajr ebda awtorità leġittima minn persuna li lilha jkunu ġew fdati kif imsemmi fis-sub-paragrafu (ii) ta' dan il-paragrafu;*

*(b) il-kxif mingħajr awtorità leġittima tal-informazzjoni, dokument jew oġġett mill-persuna li jkunu ġew fil-pussess tagħha mhuwiex reat taħt xi wieħed minn dawk id-disposizzjonijiet.*

3. Jirrizulta, għalhekk, illi, bhal fil-kaz tar-reat iskuss aktar 'l fuq, biex tali reat jissussiti l-Prosekuzzjoni trid tipprova illi l-ufficjal pubbliku akkużat kien a konoxxenza ta' sigriet, liema sigriet huwa kixef lill terzi kontra l-ligi.

## 9. Konsiderazzjonijiet Finali

1. Jirrizulta, mill-assjem tal-provi kollha prodotti, illi l-kaz odjern sehh minhabba f' "*suspetti*" illi beda jkollu Claudio Grech, illi kien ic-Chairman tal-Core Evaluation Committee illi, bhala Kumitat, kien inkarigat jaghzel u jintroduci Sistema ta' IT fl-isptar il-gdid Mater Dei, liema "*suspetti*" huwa kellu lejn l-ahhar tan-negozjati, meta dawna kienu wasslu fl-ahhar u wara illi t-tenderer originalment indikat bhala idoneu ghall-progett, iSoft Limited, kien gie eskluz minhabba f'diffikultajiet finanzjarji u legali illi kellu barra minn Malta u li kienu gew identifikati mill-akkuzat Noel Xuereb.

2. Jirrizulta illi, mill-investigazzjoni illi ghamlet il-Pulizija, li kienet giet mgharrfa bis-suspetti mill-istess Claudio Grech w il-Ministru tieghu, Dr Austin Gatt, liema investigazzjonijiet saru minghajr is-sejha ta' Inkjesta Magisterjali, gew elevati sensiela ta' dokumenti u computers personali minghand l-akkuzati.

3. Jirrizulta, illi minn tali investigazzjoni, illi l-Prosekuzzjoni wasslet ghall-konkluzjoni illi, in vista tal-fatt li l-akkuzat Pierre Mercieca kellu fil-pussess tieghu dokumentazzjoni relatata mal-process tat-tenders b'kummenti ta' l-akkuzat l-iehor Noel Xuereb, dana fisser illi seta kien hemm kaz ta' kxif ta' sigrieti relatati mat-tenders.

4. Jirrizulta wkoll illi l-Prosekuzzjoni wasslet ghall-konkluzjoni illi seta kien hemm kaz ta' korruzzjoni u interess privat fl-aggudikazzjoni stante illi, allegatament, l-akkuzat Pierre Mercieca kien ipprovda '*fire place*' lill-akkuzat Noel Xuereb, allegatament bhala rigal ghall-ghajnuna illi l-istess Noel Xuereb kien qieghed jaghti lill Pierre Mercieca, bhala rappresentant tal-'*preferred bidder*' ghas-serizz tal-IT tal-Isptar.

5. Jirrizulta, madanakollu, illi mill-assjem tal-provi kollha kif prodotti mill-Prosekuzzjoni, ma jirrizulta ippruvat ebda mill-imputazzjonjiet illi kienu bbazati fuq is-suspetti ta' Claudio Grech.

6. Jirrizulta, di fatti, illi l-*fire place* illi l-prosekuzzjoni allegat illi l-akkuzat Mercieca ghadda lill-akkkuzat Xuereb bhala rigal, attwalment ma kien rigal xejn, u di fatti kien debitament akkwistat mill-istess Xuereb tramite s-servizzi ta' Xuereb, u kien imhallas mill-istess Xuereb, kif jidher fid-dokumentazzjoni esebita mill-akkuzat Noel Xuereb, u mhux ikkontestata.

7. Jirrizulta wkoll illi, bhala '*Core Project Manager*' ta' hamsa u ghoxrin sena esperjenza mal-MITTS u li kien inkarigat jimplimenta l-akkwist u introduzzjoni ta' Sistema ta' Informatika fl-Isptar Mater Dei, illi kellu jinfetah fis-sena 2007 u li kien suggett ghall-dewmien u dilungar zejjed, parti mix-xoghol tieghu kien illi jassikura ruhu illi min ikun qieghed jaghmel l-offerti lil-Gvern ikun a korrent ta' dak illi attwalment ried il-Gvern, filwaqt illi jassikura illi l-prodott finali jkun wiehed sodisfacjenti u skond l-'*ispecifications*' illi l-varji konsulenti mqabbdin jkunu ssuggerew.

8. Jirrizulta, mill-assjem tal-provi, illi l-akkuzat Noel Xuereb kien qieghed jaghmel tali doveri u kien qieghed jassikura li l-Gvern jinghata prodott kif mehtieg u, ghalkemm

huwa kien approva lill-kumpannija ohra, iSoft Limited, u mhux dik li taghha kien rappresentant l-akkuzat Mercieca, AME/INSO, bhala il-'*preferred bidder*', hekk kif gie a korrent ta' problemi finanzjarji u legali illi tali socjeta kienet qed tiffaccja barra minn Malta, sabiex jassikura ruhu illi l-prodott jinghata lill-Gvern fiz-zmien predipost, huwa gab dan a konoxxenza tal-Core Evaluation Committee u ta' Claudio Grech, u inghata ragun minn socjeta' estera mqabbda mill-Gvern, ossija Gartner Limited, fejn dawna qabblu mal-konkluzjoni tieghu illi tali socjeta', ossija iSoft Limited, kienet riskju ghall-Gvern.

9. Jirrizulta, dejjem mill-assjem tal-provi, illi tenut kont ta' tali zviluppi u taz-zmien illi beda jaghfas fuq kullhadd, il-fatt illi c-Chairman tal-Core Evaluation Committee, kontra l-parir tad-Director of Contracts, ghazel illi jimponi kundizzjonijiet ulterjuri fuq it-tenderer illi spicca kellu jintghazel bhala 'preferred bidder', ossija AME/INSO, certament ma kienx ta' awspicju tajjeb ghall-konkluzjoni posittiva ta' l-inkariku moghti lill-akkuzat Noel Xuereb bhala '*Core Project Manager*'.

10. Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi mument minnhom, hekk kif Claudio Grech insista illi tinghata Garanzija Bankarja ta' erbgha miljuni Maltin mit-tenderers AME/INSO, liema Garanzija ma kienetx ikkontemplata imkien fit-Tender originali illi tieghu s-socjeta AME/INSO kienet giet indikata bhala '*Preferred Bidder*', kienet biss b'insistenza ta' l-akkuzat Noel Xuereb mal-akkuzat l-iehor Pierre Mercieca, illi t-tenderers accettaw li jaghtu garanzija bankarja, ta' valur anqas minn dak rikjest, izda fil-limiti accettabbli u pre-stabbiliti unilaterlament minn Claudio Grech, u dan peress illi, mar-rikjesta ta' Claudio Grech, s-socjeta' offerenti hargu 'l barra mill-laqgha urtati b'rikjesta ohra addizzjonali maghmulha fuqhom u mhux originalment ikkontemplata fit-tender originali.

11. Jirrizulta, madanakollu, illi ghalkemm kull kundizzjoni addizzjonali imposta giet rizolta mill-'*preferred bidder*' AME/INSO, inkluz dik tal-garanzija bankarja, u dan anke bl-involviment ta' l-akkuzat Noel Xuereb, u ghalkemm kollox kien qed jindika illi ghalhekk l-kuntratt finali seta jintlahaq u jigi ffirmat fi zmien qasir, Claudio Grech, f'daqqa wahda, hass illi kellu suspetti, u hass illi kellu jintalab il-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga.

12. Jirrizulta, finalment, illi rizultat ta' tali suspetti u l-investigazzjoni mibdija mill-Pulizija fuq struzzjonijet tal-Gvern, u jiem qabel ma' attwalment tressqu l-Qorti taht arrest l-akkuzati, il-Gvern iddikjara pubblikament illi t-tender kollu, illi kien wasal fl-ahhar, kien qieghed jigi sospiz minnufih, u eventwalment gie kkancellat

13. Jirrizulta, di fatti, illi eventwalment il-process kollu tat-tender gie kkancellat u sar progett ferm izghar illi inhareg b'tender fi zmien qasir, li skond l-akkuzat Xuereb, spicca bl-involviment mill-gdid tas-socjeta iSoft Limited.

14. Jirrizulta, mill-assjem kollu tal-provi, illi ma kien hemm ebda att ta' korruzzjoni u/jew ta' gwadann da' parte kemm ta' Noel Xuereb kif ukoll ta' Pierre Mercieca, ta l-ahhar certament mhux ufficjali pubbliku, u ma jirrizulta bl-ebda mod ippruvat illi b'xi mod jew iehor l-akkuzati setghu b'xi mod ikkommettew wiehed jew aktar mir-reati kollha ikkontemplati mill-Prosekuzzjoni.

15. Jirrizulta illi ghalkemm l-Prosekuzzjoni tallega illi kien hemm korrispndenza skambjata bejn l-akkuzati in konnessjoni mat-tender, filwaqt illi jirrizulta illi l-ahjar prova qatt ma ngabet, jirrizulta wkoll illi skambju ta' korrispondenza kien qieghed isir minn kull parti, inkluz Claudio Grech, illi kien nieda l-investigazzjoni, w dana kemm in vista tal-entita' ingenti tal-progett kif ukoll in vista tal-urgenza taz-zmien illi kien hemm impost mill-Gvern tal-gurnata u kienet prassi accettata minn kullhadd sabiex il-progett jitlesta mill-aktar fis possibbli.

16. Jirrizulta, kif stqarr l-akkuzat Xuereb '*a tempo vergine*' lill Assistant Kummissarju Michael Cassar, li kien qieghed jinvestiga l-kaz, "*Nichad kategorikament li xi hadd qatt weghdni xi forma ta' kumpens, dan il-hsieb li xi darba jaghtini xi haga bhala kumpens ghal li ghamlit, qatt ma ghaddhieli minn rasi, biss nghid li hemm ragunjiet ohra ghal dak li ghamilt, li ghalijja kellhom u ghandhom valur ahjar mill-flus.*" (fol 40)

17. Jirrizulta illi tali "*ragunijiet ohra*" ta' Xuereb kienu attwalment illi huwa, bhala 'Project Manager' tal-kuntratt tal-IT kollu, ried illi jara illi l-progett kollu kif lilu rikjest jigi implimentat b'success u kien ghalhekk illi huwa ghamel l-isforzi kollha tieghu sabiex jassikura illi l-offerta tkun idonea ghall-hsieb tal-Gvern tal-gurnata – dawna l-isforzi, rizultat ta' varji intoppi u talbiet addizzjonali maghmulha 'l hinn mit-tender originali, madanakollu, ma wasslux ghal dak illi huwa xtaq izda, u minnflok wasslu ghall-proceduri odjerni, hekk kif l-akkuzat Mercieca kien irnexxilu jeghleb l-ostakoli kollha illi kienu qed isirulu mit-tmexxija lokali sabiex il-progett jigi konkluz, fejn spicca akkuzat ta' korruzzjoni, kxif ta' sigrieti u gwadann personali.

18. Jirrizulta car, mill-provi kollha, illi l-akkuzat Noel Xuereb qatt ma ha xi pagament u/jew inghata xi favur minn Pierre Mercieca jew persuni ohra, u qatt ma ghadda xi dokumentazzjoni lill Pierre Mercieca jew persuni ohra bil-ghan illi jikxef xi sigriet jew inkella jaghmel xi gwadann personali, izda ghamel dak kollu possibbli unikament sabiex jassikura illi l-progett lilu fdat jigi konkluz b'success – dana s-success ma wasalx mhux rizultat ta' demeriti tieghu, izda rizultat ta' azzjonijiet ta' terzi u cirkostanzi illi fuqhom l-akkuzat Xuereb ma kellu ebda kontroll.

19. Jirrizulta car ukoll illi l-akkuzat Pierre Mercieca qatt ma ipprova jikkorrompi jew joffri gwadann lill-akkuzat Noel Xuereb izda kien biss qieghed jaghmel xoghlu bhala rappresentant tal-konsorzium AME/INSO u jitlob kjarifiki u/jew informazzjoni addizzjonali bil-ghan illi jkun jista jassikura illi l-progett minnhom offrut jipprovdi dak illi kien qieghed jigi minnhom mitlub.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha, kemm xhieda prodotti quddiem din il-Qorti diversament ppresjeduta, kif ukoll provi dokumentarji,

Wara illi semghet ix-xhieda kollha prodotta quddiemha,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u l-abbli difensuri taz-zewgt akkuzati,

Wara illi rat l-artikoli 10, 17, 18, 23, 31, 42, 115, 119, 120, 124, 127, 257, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 u l-Artikolu 9 tal-Kap 50,

Tghaddi biex tiddeciedi l-kaz billi

Ma ssib ebda htija ghall-akkuzi kif migjuba kontra l-akkuzati Noel Xuereb u Pierre Mercieca mill-Prosekuzzjoni, u ghalhekk

**Tillibera** lill-akkuzati Noel Xuereb u Pierre Mercieca minn kull akkuza migjuba fil-konfront taghhom fil-proceduri odjerni.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur